NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

**Nru. 100** **Ottubru - Diċembru 2020**




Bi pjaċir, ngħarrfukom li l-*magazine* tagħkom għandu l-*birthday*; għalaq ħamsa u għoxrin sena minn meta beda joħroġ għall-ewwel darba. Infatti, l-ewwel ħarġa tiegħu kienet dik ta' Ottubru - Diċembru 1995. Kien bidu modest, tmien paġni kollox, bla kulur u mingħajr stampi, għajr għal xi ftit ritratti 'l hawn u 'l hemm. Imma kien bidu fid-direzzjoni t-tajba u, ta' dan, aħna għandna għax inkunu tassew grati lejn dawk li ġew qabilna u fetħulna t-triq. Dak kien iż-żmien meta l-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani kien is-Sur Sydney Barbara u l-editur ta' dan il-fuljett kien it-tabib Joseph Dimech.

Matul is-snin, sar ħafna titjib fil-produzzjoni u l-materjal tiegħu sakemm, illum, għandkom f'idejkom magazine ta' mhux inqas minn għoxrin faċċata, *semi* bil-kulur, bi stampi addattati u, fuq kollox, mimli bi stejjer, poeżiji u artikli informattivi u interessanti, ħafna drabi miktubin minnkom stess u li, skont dak li jgħidulna, kulħadd jieħu gost jaqrah.

Nixtieqi nieħdu din l-okkażjoni biex nirringrazzjaw lill-kontributuri kollha, speċjalment lill-kontributuri regolari, u nħeġġukom tkomplu tibagħtu l-kreazzjonijiet tagħkom u aħna nwegħdukom li, jekk inħossu li l-kitba tagħkom hija waħda informattiva u/jew ta' interess ġenerali għall-qarrejja tagħna, nippubblikawha.

Minn dawn il-faċċati, aħna nawguraw *AD MULTOS ANNOS* lil dan il-magazine tal-anzjani, mill-anzjani għall-anzjani u jalla li, min jiġi warajna, ikompli jtejbu u jxerrdu biex dejjem jilħaq iktar u iktar nies.

Il-Bord Editorjali

# Jinfetħu l-applikazzjonijiet għall-Premju Anzjanità Attiva 2020



**Fit-12 ta' Awwissu b'mod uffiċjali bħala s-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità, mal-Onorevoli Silvio Parnis, ftaħna l-applikazzjonijiet għall-Premju Anzjanità Attiva għas-sena 2020.**

Il-Premju Anzjanità Attiva huwa ċelebrazzjoni ta' ammont kbir ta' xogħol, impenn u dedikazzjoni fis-settur tal-Anzjanità Attiva. Dan huwa avveniment annwali li ser ikun parti miċ-ċelebrazzjonijiet li jseħħu fix-xahar ta' Ottubru li huwa ddedikat għall-Anzjani. Din is-sena l-bord qiegħed jilqa' applikazzjonijiet għal 9 premjijiet:

**Premju Anzjanità Attiva; Premju Koppja Miżżewġa; Premju Anzjanità Akkademika; Premju Anzjanità Sportiva; Premju Mudell Ideali; Premju Anzjanità Kulturali; Premju Solidarjetà Interġenerazzjonali u żewġ premji ġodda bl-isem ta' Premju Anzjanità Attiva fid-Djar Residenzjali u Premju għall-Aqwa Nannu/Nanna.**

Il-Gvern għandu d-dmir li juri l-apprezzament tiegħu lejn kull min qed jaħdem għal soċjetà iżjed inklussiva, fejn il-persuni u l-qraba tagħhom jgħixu f'komunitajiet iżjed inklussivi u b'hekk ikunu jistgħu jgħixu b'mod iżjed indipendenti.

Dan il-premju jgħin ukoll sabiex iħeġġeġ lill-anzjani jibqgħu attivi. Dan ma jgħoddx biss għall-anzjani li jgħixu fil-komunità iżda wkoll għal dawk li jgħixu fid-djar residenzjali. Huwa proprju għalhekk li din is-sena hemm ukoll il-Premju Anzjanità Attiva fid-Djar Residenzjali.

Kif tafu din is-sena hija waħda b'bosta sfidi b'mod speċjali għall-anzjani tagħna. Huwa proprju għalhekk li qed inħeġġu lill-anzjani sabiex iżommu ruħhom attivi anki ġo darhom stess. Fil-fatt tul din is-sena rajna ħafna anzjani li bdew joħorġu b'ideat ferm innovattivi sabiex iżommu lilhom infushom attivi f'darhom. Dawn l-ideat jimmeritaw li jiġu rikonoxxuti u kien għalhekk li minkejja din il-pandemija xorta waħda nħass li dawn l-inizjattivi għandhom jiġu rikonoxxuti anki jekk b'mod differenti.




L-applikazzjoni tista' tinkiseb mis-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità, Palazzo Ferreria, Triq il-Repubblika, Valletta, Malta, permezz ta' email fuq premjuanzjanitaattiva.mfcs@gov.mt, minn fuq is-sit www.activeageing.gov.mt jew mill-uffiċini tal-Kunsilli Lokali.

In-nominazzjonijiet jagħlqu fit-30 ta' Settembru 2020.

Il-preżentazzjoni se ssir fit-30 ta' Ottubru 2020 u sal-lum huwa ppjanat li din issir b'mod virtwali. Għal aktar għajnuna biex wieħed jimla' l-applikazzjoni jista' jċempel fuq 25903241.

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Anthony Mulè Stagno,
Mary Farrugia, Nazju Abela,
Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Anthony Mulè Stagno

**Viċi President:**
Peter Paul Bonnici

**Segretarju:**
Anthony Deguara

**Ass. Segretarja:**
Doris Aquilina

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Dr. Anthony De Giovanni

**U.R.P.:**
Nazju Abela

**Membri:**
Mary Farrugia
Alfred Mallia
Joseph Micallef
Frank Mumford
Pauline Zammit
Lino Debono (Co-Opted)

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**

Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860, 27 350271**
**E-mail: kna@onvol.net**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

# EDITORJAL



## Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Ftit taż-żmien ilu, bdejt l-editorjal tiegħi billi għidtilkom li l-bniedem dejjem ifittex. Imma l-bniedem mhux ifittex biss. Jagħmel ħafna affarijiet oħrajn. Pereżempju, il-bniedem dejjem joħlom ukoll. Joħlom billejl u anki binhar; joħlom rieqed u joħlom imqajjem. Joħlom li hu xi *macho*; joħlom li kapaċi jattira lejh l-isbaħ kampjun tas-sess oppost; joħlom li jista' jsir sinjur kbir f'daqqa waħda mingħajr ma jaħdem; joħlom li kapaċi jwettaq atti mill-aktar qalbiena, filantropiċi u altruwistiċi qisu mhux hu; u joħlom, saħansitra, li jirnexxilu jgħaddi minn avventuri kbar, anki jekk jinvolvu ċertu ħila u sogru personali.

Jingħad li, min jorqod bil-ġuħ, joħlom bil-ftajjar u bir-raġun għax, kif jgħidu t-Taljani, *La lingua batte dove il dente duole*; kawża u effett. Għalhekk, mhux ta' b'xejn li diversi ħassieba matul iż-żmien azzardaw jagħtu interpretazzjoni lill-ħolm. Anki fil-Bibbja, il-ħolm jissemma kemm-il darba imma, forsi, l-iktar storja famuża tibqa' dik ta' Ġużeppi li l-interpretazzjoni tal-ħolm l-ewwel ġablu l-għira u l-mibgħeda ta' ħutu mbagħad ħelsu mill-ħabs u tah l-ogħla ġiħ meta salva lill-poplu kollu mis-seba' snin tal-għaks għax ħadu vantaġġ tas-seba' snin tal-abbundanza. Imbagħad, issib ukoll min joħlom li jista' jirbaħ xi rebħa kbira jekk jinterpreta tajjeb in-numri li jkun ħolom dwarhom u jiktibhom lottu. Il-psikoanalista Awstrijak Sigmund Freud isostni li l-ħolm mhuwa xejn għajr manifestazzjoni subkonxja ta' xewqat ripressi. Fi kliem iktar sempliċi, dak li, għal raġunijiet soċjali, morali jew etiċi, ma tridx, jew m'intix kapaċi, tagħmel fir-realtà, tispiċċa tagħmlu fil-ħolm. Biex nagħti eżempju, ħalli jifhimni kulħadd; jien nibża' minn delli imma, fil-ħolm, qisni Steven Seagal u ara ma jfettillekx tiltaqa' miegħi meta ninzerta nkun qed noħlom għax tispiċċa mbenġel; biex ma nesaġerax!

Tiskanta imma, l-istudju ta' Sigmund Freud, li jidher tant frivolu, wasslu biex ħoloq il-metodu xjentifiku terapewtiku ġdid tal-psikoanaliżi. Infatti, meta ssir kif għandu jkun, il-psikoanaliżi tista' tkun ta' benefiċċju kbir għall-umanità għax tista' twassal lit-tobba biex jindunaw x'inhuma l-għeruq ta' diversi problemi mentali moħbijin fis-subkonxju tal-bniedem, inkluż f'dak ta' żmien it-tfulija.

U kemm hawn min iħobb jirrakonta x'ħolom! "Mel'aqta' xi ħlomt!" u jibda jirrakuntalek; trid jew ma tridx. Meta ma jibdiex joħlom imqajjem skont ma jidhirlu u jibda jżid 'l hawn u 'l hinn ma' dak li jkun tassew ħolom biex jipproġetta lilu nnifsu li hu xi Steven Seagal aktar minni!

Fost il-ħafna ħbieb li għandi, hemm wieħed li tant hu ffissat fuq Cristiano Ronaldo li qabel kien iżomm mal-Manchester United imma, meta Ronaldo telaqhom, għall-ewwel beda jżomm mar-Real Madrid u llum iżomm mal-Juventus. Ftit ilu qagħad jirrakuntali li ħolom li mar l-iStadio delle Alpi jara logħba tal-Juventus u li, fiha, Ronaldo skorja *hat-trick* u li tant ħa pjaċir li ħassu fis-seba' sema u, insomma, baqa' baqa' sakemm spjegali d-dettalji kollha ta' dawn it-tliet goals.

Jien mhux xi wieħed li noqgħod lura f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Xi ħaġa hekk nikolha bil-ħobż. Għidtlu li jien ħlomt li ltqajt ma' żewġ tfajliet il-ġmiel tagħhom; u li dawn tant inħallu warajja; li ġew jieklu miegħi f'wieħed mill-aħjar ristoranti tal-Belt; u li, wara, anki aċċettaw li jiġu miegħi il-flat (għall-kafè) u x'kafè kafè; spiċċaw it-tnejn raqdu għandi! Insomma raqdu; il-kelma ġġib hekk!

"It-Torok joħduk," kien pront qalli sieħbi; "x'ħabib fik! Jiġifieri kellek żewġ tfajliet u lanqas fil-ħolm ma tiġik f'rasek iċċempilli biex niġi neħilsek minn waħda minnhom?" "Le, jaħasra!" għidtlu. "Jien ċempiltlek imma l-mara tiegħek qaltli li inti kont id-delle Alpi tara lil Cristiano Ronaldo!" Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità
Active Ageing & Community Care

# Servizzi għall-Anzjani
## *Ċentri ta' Anzjanità Attiva*

**Ħarsa ġenerali**

Dawn iċ-ċentri huma post fejn joffru opportunitajiet lil persuni ikbar fl-età biex jibqgħu attivi fiżikament, mentalment u soċjalment. Iċ-ċentri huma ffukkati aktar fuq it-tagħlim tul il-ħajja. Huma post fejn l-anzjani jistgħu jiltaqgħu ma' nies tamparhom u jieħdu gost flimkien. Kull ċentru joffri programm varjat ta' attivitajiet fosthom ħruġ, taħdidiet edukattivi, logħob varju, eżerċizzji fiżiċi, żfin, snajja, informazzjoni dwar l-Informatika u programm ta' tagħlim tul il-ħajja. Iċ-ċentri mhumiex biss post fejn wieħed imur iqatta` siegħa żmien imma wkoll fejn wieħed jista' jitgħallem u jaqsam l-abiltajiet tiegħu mal-oħrajn.

**Eliġibbiltà**

- Persuni li għandhom 60 sena `l fuq.
- Applikazzjonijiet minn persuni oħra jiġu kkunsidrati fuq bażi individwali

**Informazzjoni oħra**

Dawn iċ-ċentri għall-Anzjanità Attiva mhumiex addattati għal persuni li għandhom livell ta' dipendenza għolja.

**Attivitajiet li jsiru fiċ-Ċentri Anzjanità Attiva**

F'dawn iċ-ċentri ikun hemm programm varjat ta' attivitajiet, fosthom taħdidiet interessanti dwar is-saħħa, is-sigurtà u tagħlim ieħor ta' interess għall-anzjani.

Pereżempju saru taħdidiet mill-pulizija dwar is-sigurtà fit-toroq u dwar is-sigurtà fid-dar, kien hemm mistiedna mill-Waste Serve, mill-Primary Health Department, u kelliema mill-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Kommunità li jispjegaw dwar is-servizzi offruti għall-anzjani, dwar id-dimensja jew dwar kif wieħed jieħu ħsieb saħħtu u jibqa' attiv.



Workshop ma' Chef Anton Dougal

Saru wkoll diversi workshops dwar tisjir bnin u addattat għal ċertu kundizzjonijiet ma' Chef Anton Dougal fejn l-anzjani kellhom l-opportunità li jiddiskutu metodi differenti ta' tisjir waqt li jaraw fil-prattika.





*Sezzjoni ta' Tai Chi u xogħol maħdum bl-idejn mill-anzjani fiċ-Ċentri għal Anzjanità Attiva*

Ikun hemm opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja fejn ikun hemm nies apposta li joffru programmi ta' tagħlim bħal xogħol ta' l-idejn, *line dancing*, sessjonijiet ta' eżerċizzju fiżiku, Tai Chi, u ħafna oħrajn. Dawn jiġu organizzati skond id-domanda tal-membri stess. Permezz ta' dawn is-sessjonijiet kellna anzjani li għenu il-Breast Cancer Foundation billi għamlu breast prostheses temporanji maħduma bl-idejn, oħrajn ipparteċipaw f'*workshops* ma' Tai Chi *Master* u ħafna anzjani li ferħu lill-ħaddieħor b'xogħol tal-idejn maħdum b'dedikazzjoni u kapaċità.





*Sezzjonijiet ta' tisjir li jsiru fiċ-ċentri għall-Anzjanità Attiva*



*Villaġġ tal-Milied tal-ħelu maħdum mill-membri bl-għajnuna tal-impjegati taċ-ċentri*

L-impjegati taċ-ċentri wkoll jorganizzaw diversi logħob u attivitajiet mal-anzjani biex il-membri jibqgħu attivi mentalment u fiżikament, u daħka flimkien ma tonqosx. Dan ivarja minn diskussjonijiet, attivitajiet bil-mużika, sessjonijiet ta' tisjir, taħwil u kura ta' pjanti, sessjonijiet ta' qari, u logħob li barra li jgħin biex tissoċjalizza ħafna drabi jlissen tbissima fuq wiċċ il-parteċipanti. Dawn ivarjaw minn ċentru għall-ieħor skont il-programm imfassal mill-impjegati u l-interessi tal-membri.

Nixtiequ ħafna li naraw iktar il-parteċipazzjoni attiva tal-anzjani billi jużaw it-talenti tagħhom u jibdew jorganizzaw attivitajiet huma stess lill-anzjani l-oħra bl-għajnuna tal-impjegati. Pereżempju billi jitkellmu fuq suġġett għal qalbhom, juru xi riċetta interessanti, jew juru kif tagħmel xi tip ta' *craft*. Nafu li l-anzjani huma minjiera ta' riżorsi u nixtiequ li noffrulhom l-opportunità li jaqsmu l-abbiltajiet tagħhom mal-oħrajn.



Mill-inqas darba fix-xahar ikun hemm ħruġ għall-membri, qed ninkoraġġixxu wkoll li jiġu organizzati aktar spiss ħruġ kulturali biex l-anzjani jkollhom l-opportunità jgawdu il-wirt kulturali Malti.



Iċ-ċentri huma wkoll post fejn ninvolvu l-membri f'diversi opportunitajiet ma' entitajiet differenti speċjalment fejn jidħlu programmi artistiċi u programmi ta' tagħlim bħal programmi ta' nformazzjoni teknoloġika. Pereżempju aktar kmieni din is-sena ppartecipajna fil-Community Project Mahler's Sixth ikkoordinat minn Valletta Cultural Agency u l-Orkestra Nazzjonali fejn l-anzjani ipparteċipaw ma' artisti lokali u barranin biex jaqsmu l-esperjenzi tagħom u jikkrejaw mużika flimkien. Fiċ-ċentri ninkoraġġixxu wkoll sessjonijiet ma' tfal u żgħażagħ biex ninkoraġġixxu l-ġenerazzjonijiet opposti jaqsmu l-idejat u l-abbiltajiet tagħhom flimkien u jgħinu lil xulxin.



*Il-membri taċ-Ċentri għall-Anzjanità Attiva waqt il-Community Project Mahler Sixth*

Xi wħud jaħsbu li ċ-Ċentri għall-Anzjanità Attiva huma post fejn jintlagħab it-tombla biss. Fil-verità qed naħdmu bis-sħiħ biex filwaqt li nikkuntentaw dawk li jħobbu jilagħbu it-tombla noffru opportunitajiet ukoll lil dawk li it-tombla ma tinteressahomx. Infatti jkun hemm ġranet iddedikati biss għal attivitajiet u ma ssirx tombla. It-Taqsima għall-Anzjanitá Attiva qed taħdem ukoll ma' diversi kunsilli lokali biex inħeġġu kollaborazzjoni u noffru opportunitajiet iktar viċin l-anzjan.



*Attivitajiet interġenerazzjonali ma' studenti ta' Giovanni Curmi Higher Secondary*

Min jinteressah iktar informazzjoni dwar iċ-Ċentri għall-Anzjanità Attiva jista' jidħol fuq il-*website* www.activeageing.gov.mt. Wieħed jista' wkoll iċempel fuq 22788832 u jkellem lill-rapreżentant tat-Taqsima Anzjanità Attiva fejn ikunu jistgħu jiggwidawh dwar iċ-ċentri l-eqreb tiegħu u l-programmi offruti f'dak iċ-ċentru



# Nazju Abela f'intervista ma' Joe Aquilina, kantant u kompożitur

**Għidilna xi ħaġa fil-qosor dwar it-tfulija tiegħek, fejn ħadt l-edukazzjoni, iż-żgħożija, il-familja eċċ, sakemm dħalt fid-dinja tax-xogħol.**

Twelidt Birkirkara fi Frar tal-1952. Ommi u missieri żżewġu kbar u kull wild li kellhom jew spiċċa waqt it-tqala jew ftit wara t-twelid. Insomma kont tifel uniku. Bdejt immur l-abbatija tas-Sorijiet Franġiskani u, minn hemm, għall-primarja ta' Birkirkara. Għaddejt għas-sekondarja ta' għaxar snin u bdejt nattendi s-St Joseph Secondary Technical School ta' Raħal Ġdid. Hemmhekk, il-fortuna laqqatni mat-Tenur Pawlu Axiaq li, tul ħames snin, għallimni nħobb il-kant permezz tal-kor li kien ilaqqa' fil-*break*.

Fi tfuliti, kont nattendi l-Azzjoni Kattolika u l-aktar il-MUSEUM fejn qattajt żgħożiti. Imbagħad, ta' sittax-il sena, dħalt il-Junior College. Ma kienx żmien faċli għalija imma, wara li ġibt tliet *A levels*, ta' tmintax, bdejt naħdem. Bħala żagħżugħ, dħalt fid-dinja tax-xogħol u, 'il quddiem, rabbejt familja.

Dħalt naħdem f'dak li kien jissejjaħ in-National Bank of Malta (illum Bank of Valletta) u, wara disa' xhur, għamilt interview għas-Central Bank u, f'Marzu tal-1971, bdejt karriera hemmhekk li damet wieħed u erbgħin sena. Hemmhekk, studjajt biex insir Associate of the Institute of Bankers fejn għadni sal-lum stess bħala life member. Għamilt diversi xogħlijiet u, meta ħadd l-*early retirement*, kelli kariga ta' *Senior Manager*. Fl-1978, organizzajt l-ewwel quddiesa fil-Bank Ċentrali u wara laqqajt Religious Activities Group li, nirringrazzja 'l Alla, għadu attiv sal-lum jorganizza quddiesa fl-ewwel ġimgħa tax-xahar u anki jistieden kelliema biex jitkellmu fuq il-ħwejjeġ t'Alla.



Fl-1981, iżżewiġt lil Doris u konna noqgħodu Ta' Paris Birkirkara. Għandna tlett itfal, illum kollha għandhom iżjed minn tletin sena. Issa, minn tlett snin 'l hawn, morna noqogħdu fid-dar li kellu missieri, Lawrence, f'Ħal Balzan, peress li hi *ground floor* u m'għandniex l-istess tlugħ u nżul tat-taraġ li kellna Birkirkara.

**X'kienu l-aktar attivitajiet li dħalt għalihom tul ħajtek?**

Diffiċli nkellmek fuq kollox imma se nsemmilek dawk li l-aktar kelli impenn fihom. Fl-1975, kont strumentali biex beda it-Tiġdid Kariżmatiku Kattoliku. L-istess, fl-1986, bdejt l-FGBMFI. Imbagħad, mill-2001, għal tnax-il sena, kont koordinatur tal-Couples for Christ f'Malta. Ħafna snin ilu, forsi ħafna jiftakruni għal xi snin bħala preżentatur tal-programm, Dawl il-Ħajja, fuq it-TV.

Bħalissa qed norganizza laqgħa kull xahar ta' *leaders* li ġejjin mill-knejjes Evanġeliċi u Pentekostali flimkien ma' Kattoliċi. Qiegħed ukoll fi *Study Group* li qed jistudja kif wieħed jeħles mill-vizzju tad-dagħa.

Dan l-aħħar snin, bdejt *ministry* ta' kant fid-djar tal-anzjani, imsejjaħ "Happy Hour with Jesus" fejn l-anzjani jisimgħu kanzunetti ta' żmienhom imma bi kliem iċċentrat fuq Kristu. Sa ftit xhur ilu, kont Direttur fil-*Microfinance* u kont għalliem tal-Ingliż għall-barranin.

**Għidilna xi ħaġa dwar il-kompożizzjonijiet reliġjużi tiegħek.**

Fis-sebgħinijiet, irrealizzajt kemm hemm bżonn ninfurnaw lil dawk li jemmnu b'innijiet mexxejja u b'lingwaġġ li jiftiehem. Meta ktibt l-innu ewkaristiku, 'Ejja wara Ġesù' qatt ma immaġinajt li se jkun wieħed mill-innijiet li jitkantaw wara t-tqarbin f'diversi knejjes. Fl-istess żmien, sekond kuġin tiegħi,

Charles Borg, għeni ħafna bid-daqq tal-kitarra għax, malli kont inkantalu xi kanzunetta ġdida, mill-ewwel kien jakkumpanjani f'ħakka t'għajn. Ħaġa li tatni impetus qawwi kien il-fatt li Pawlu Mifsud aċċetta li jtina rokna fil-programm, 'Sejħa lill-Morda', bl-isem ta' 'Kanzunetta bi Ħsieb warajha'.

Il-Media Centre ukoll għenietna billi ħriġna tlett cassettes: 'Ma' Marija lejn il-Mulej', 'Kemm Inħobbok' u 'Taħbit il-Qalb'. Fl-1979, irbaħt bl-Innu Marċ ta' Jum il-Ħelsien bl-Isem ta' 'Gżira tas-Sliem'. Wara, ingħatajt opportunità fuq it-Televiżżjoni fil-Milied u fil-Ġimgħa l-Kbira u, iktar tard, b'serje ta' tlettax-il programm bl-isem ta' 'Mill-Miżieb, Il-Ħsieb' flimkien mal-mibki Tony Scott u Agatha Zahra li wkoll kienet ħadet sehem fil-*cassettes* li konna ħriġna.

Xi snin ilu, jien u Doris għamilna proġett ma' Sister Magdalen Cauchi, Carmen Esposito, Agatha Zahra u kantanti oħrajn, meta, fuq medda ta' tliet snin, ħriġna kanzunetta għall kull ġimgħa fil-Kalendarju Liturġiku.

Bħala CDs, ħrigt tlieta: wieħed fuq il-Ħniena Divina, wieħed fuq l-Ewkaristija u l-ieħor fuq l-Imħabba t'Alla. Naħseb li l-aktar tliet xogħolijiet tiegħi li n-nies jafu apparti, 'Ejja Wara Ġesu', huma: 'Xmara', 'Tiġi Saltnatek' u t-traduzzjoni tiegħi ta' 'He is Lord' (Hu l-Mulej).

**Joe, tidher li bqajt attiv ħafna. X'inhuma l-pjanijiet tiegħek għall-ġejjieni u, filwaqt li nitolbok messaġġ li tixtieq tgħaddi lill-anzjani, nirringrazzjak.**

L-ikbar *challenge* li għandi hu li nirbaħ il-prokrastinazzjoni tiegħi u niġbor b'mod sistematiku d-diversi kompożiżżjonijiet li ktibt u li għadni qed nikteb. Għalhekk, min jaf idoqq, jew jittajpja jew jirrekordja u jifhem li l-proġett tiegħi mhuwiex wieħed kummerċjali u jixtieq jgħinni, napprezza ħafna jekk iċempilli fuq 99220252.

Bħala messaġġ, ngħid li, fil-kwiet tal-ħafna ħin li għandna, għandna nfittxu l-vera ħbiberija, kemm dik ma' Alla kif ukoll ma' ħutna l-bnedmin.



# Il-Mewġa tal-Grazzja fix-Xjuħija

**Kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap.**

Minħabba li jien ġej minn gżira mill-isbaħ u ġawhra f'nofs il-Mediterran, ma nistax ma niftakarx fil-mewġ, b'imħabba kbira. Dak il-mewġ li daqqa jkun ħelu magħna imma, ħej, mhux l-ewwel darba li aqta' kemm jaf ikun goff! Tant hu hekk li, bil-guffaġni tiegħu, mhux biss jagħmel il-ħsara minn kull fejn jgħaddi imma jaf jaħsad ħajjiet ta' persuni innoċenti wkoll!

Waqt li kont qiegħed għall-kwiet, naħseb u nimmedita fuq dan kollu, ħassejt sejħa ġewwa fija. Tgħid ix-xjuħija m'għandhiex ukoll il-mewġ tagħha; bħal kull stadju ieħor tal-ħajja, wara kollox? Nistħajlek li, bħalissa, qed tieqaf minn dak li qed tagħmel u tgħidli: Dażgur father! Hekk hu! Tassew ħbieb! Ix-xjuħija għandha l-mewġ tal-grazzji tagħha wkoll!

Fost l-esperjenzi li l-Mulej għaddieni minnhom, l-Ispirtu s-Santu fakkarni f'dawn il-grazzji li nixtieq naqsamhom magħkom. L-ewwel nett, ix-xjuħija hija mewġa ta' grazzja għax fiha hemm **il-ħlewwa**. Aktar ma nikbru fiż-żmien, aktar inħossu l-ħtieġa li nkunu anqas żorri u aktar ħelwin ma' xulxin. Dan isib ir-raġuni tiegħu għax l-Ispirtu s-Santu jgħallimna nagħdru aktar. Wara kollox, l-għasra ta' ħajjitna tgħallimna kemm hu għaqli li, fil-ħajja, inkunu ħelwin ma' xulxin. Ma ninsewx li l-ħlewwa ġġib il-ħlewwa! Il-ħlewwa tipperswadi! Il-ħlewwa tiftaħ il-bibien għall-persważjoni! Il-ħlewwa trattab il-qlub iebsin!

Imbagħad, ix-xjuħija hija mewġa ta' grazzja għax fiha hemm **il-qawwa**. Imma fuq liema qawwa qed nitħaddtu? Hija dik il-qawwa li, bil-ħlewwa u b'għerf il-Mulej, tidres il-ħażen u tagħmel it-tajjeb; l-aktar, bis-sabar li joħroġ minnha! O, kemm nitgħallmu fi xjuħitna dwar kemm hu importanti li nkunu persuni mimlija sabar mal-oħrajn! Imma, qabelxejn, għax inkunu hekk mal-Mulej u, bħala riżultat, magħna nfusna!

It-tielet, ix-xjuħija hija mewġa ta' grazzja għax, fiha, hemm **l-umiltà**. Nafu li perfett huwa l-Mulej! Allura aħna, li nafu li, fil-ħajja, għamilna l-iżbalji tagħna, nibdew nagħrfu l-limitazzjonijiet tagħna u naħdmu fil-parametri tagħhom. Barra minn hekk, jibda wkoll ikollna l-kuraġġ li dak li nkunu tgħallimna mill-esperjenza tagħna, bit-tlajja' u l-inżul tagħha, ngħadduh lil ħaddieħor; ħalli jgawdi minnu kif gawdejna aħna! X'turija ta' umiltà hija din!

Wara l-umiltà, ix-xjuħija hija mewġa ta' grazzja għax, fiha, hemm id-doża tal-**perseveranza**. Għax nafu li jiem ħajjitna huma magħduda fuq l-art, nibdew nintebħu kemm hu għaqli li nibqgħu mexjin fit-triq tas-sewwa; l-aktar, ta' dawk il-valuri u virtujiet li dejjem sawruna, tista' tgħid, minn mindu konna għadna żgħar; minn ġwief ommijietna!

Il-ħames, ix-xjuħija hija mewġa ta' grazzja għax, fiha, hemm **it-trasformazzjoni** jew, aħjar, il-bidla. Fil-ħajja, aktar ma nikbru, aktar nintebħu kemm għandna bżonn ninbidlu ħalli, b'hekk, nagħlqu ħajjitna fuq l-art bħala persuni oħra; persuni mibdulin li għaddew minn Ġerusalemm u, issa, qegħdin fuq it-Tabor; dik it-Tabor li tħejjina għall-ħajja ta' dejjem; dik il-ħajja eterna ta' *kemm hu sew li aħna hawn!*

Is-sitta, ix-xjuħija hija mewġa ta' grazzja għax, fiha, hemm **il-purifikazzjoni**. Ix-xjuħija toffrilna spazju fejn nidħlu fina nfusna u naraw fejn qegħdin magħna nfusna, mal-oħrajn u, aktar u aktar, mal-Mulej. Ix-xjuħija tgħinna nindafu minn dak kollu li jtaqqalna ħalli, minn issa stess, meta għadna ħajjin, inkunu nistgħu nogħlew 'il fuq 'il fuq! Mela, ix-xjuħija toffrilna l-grazzja li nitolbu maħfra lil min inkunu weġġgħajna f'ħajjitna u nirranġaw il-ħsara li stajna għamilna; dejjem fil-limitazzjonijiet tagħna, naturalment. Barra minn hekk, ix-xjuħija tagħtina l-ferħ tal-grazzja li naħfru anki lil min weġġa' lilna għax, bħalma aħna għandna bżonn lil min jaħfer lilna, hekk ukoll ħaddieħor għandu bżonn min jaħfirlu!

Mela Mulej, niżżikħajr tal-grazzja tax-xjuħija! Saħħaħni fil-mewġ tal-ħlewwa, tal-qawwa, tal-umiltà, tal-perseveranza, tal-bidla u tal-purifikazzjoni! Fi ftit kliem, saħħaħni fl-imħabba tiegħek li tiġi fuqi u ġġeddidni. Hekk, għalija, xjuħiti ma tkunx problema imma grazzja. Anzi, mewġ ta' grazzji!



# Il-Magazine tal-Emigranti fuq ir-*Rediffusion*

**kitba ta' Peter Paul Ciantar**



Fl-imgħoddi, f'kull dar Maltija, f'xi rokna kont tara dik il-kaxxa tar-*Rediffusion*. Kulħadd jindieħes magħha, l-aktar fl-iljieli xitwin, biex jisma' dawk il-programmi varjati u sbieħ li kien jippreżenta dak iż-żmien ir-*Rediffusion*. Dan kien jiftaħ bl-*Ave Marija* fis-sitta ta' filgħodu u kien itemm it-trasmissjoni tiegħu bid-daqq tal-Innu Malti fil-ħdax ta' billejl.

Jiena kont iffurtunat li lħaqt l-aħħar żminijiet tar-*Rediffusion*. F'dawk is-snin, iltqajt ma' ismijiet li, illum, inħoss li huma ikoni fil-qasam tax-xandir. Ismijiet bħal Carmen Carbonaro, Effie Ciantar, Charles Arrigo, Liliana Bencini, Victor Aquilina (li għadu mimli bil-għomor u jgħix l-Awstralja), Norman Hamilton (li llum huwa l-Kummissarju għal Malta f'Londra) Victor Galdes, Charles Abela Mizzi u oħrajn huma fost tal-ewwel nies fil-qasam tax-xandir f'pajjiżna. L-ilħna tagħhom biss kienu jsaħħruk. Jiena kelli x-xorti li lħaqthom kollha, ħdimt magħhom u tgħallimt ħafna mingħandhom.

Malli sirt tal-post bħala *producer*, niftakar sewwa li wieħed mill-programmi li ġie fir-responsabbiltà tiegħi kien *Il-Magazin tal-Emigranti* li, qabli, kien jippreżentah il-ħabib tiegħi Tony Barbaro Sant. Dan il-programm kien jixxandar nhar ta' Sibt fis-14.30 u l-għan tiegħu kien li, minn Sibt għal ieħor, jingħataw aħbarijiet dwar Maltin u Għawdxin emigrati, tagħrif dwar il-pajjiżi fejn jgħixu, kif ukoll informazzjoni li tinteressa lil dawk li kellhom il-ħsieb li jsiefru.

Minn dan it-tagħrif li għadni kemm semmejt, allura, wieħed malajr jintebaħ kemm dan il-programm kien wieħed minn tal-imgħoddi għax, illum il-ġurnata, flok il-Maltin jemigraw, Malta tilqa' immigranti fi ħdanha; l-affarijiet tbiddlu bħal-lejl minn nhar. Infatti, kien dan li wassal biex, finalment, il-programm tneħħa mill-iskeda.

Li ġegħelni nikteb dwar dan l-imbierek programm *Il-Magazin tal-Emigranti* kien il-fatt li, dan l-aħħar, tfaċċat quddiemi *cutting* tal-Gwida (il-*magazine* tax-Xandir ta' dak iż-żmien), li titkellem dwar dan il-programm. Id-data tal-pubblikazzjoni hija t-23 ta' Ġunju, 1978 u parti mit-titlu tal-istorja hija li dan il-programm kien beda jixxandar tletin sena qabel. F'din l-istess paġna, hemm ukoll ritratt tiegħi qed niddiskuti l-programm ma' Fr. Laurence E. Attard O.P. li kien kittieb u riċerkatur tal-istorja tal-emigrazzjoni f'pajjiżna. Fr. Attard, li llum m'għadux magħna, kien jagħti l-kontribut kbir tiegħu għal dan il-programm f'isem il-Kummissjoni Emigranti. Jiena persważ li, min qed jaqra dan l-artiklu u għandu l-età sabiħa ta' aktar minn sittin sena, żgur li qed inqawwi fih il-memorji għax kienu ħafna dawk il-Maltin u l-Għawdxin li kienu jsegwu dan il-programm. Wieħed irid iżomm f'moħħu li, f'dawk iż-żminijiet, kienu ħafna l-familji Maltin li kellhom lil xi qraba tagħhom imsiefra.

Dan il-programm kien jilħaq il-kobor tiegħu bħala semmiegħa fi żmien il-Milied u l-Ewwel tas-Sena meta konna nwasslu l-awguri u x-xewqat sbieħ tal-emigranti tagħna; l-aktar mill-Awstralja, lill-familjari Maltin. L-emozzjoni kienet tkun fl-aqwa tagħha. Naturalment, biex konna naslu għal dan, kien hemm għajnuna kbira li kienet tiġi minn barra. Niftakar sewwa li, mill-Awstralja, kien hemm Josephine Zammit (u ħafna oħrajn) filwaqt li, mill-Kanada, kien hemm Ġorġ Bonavia. Dawn in-nies, meta kienu jiġu Malta, l-ewwel żjara tagħhom kienet tkun ir-*Rediffusion* (aktar tard Xandir Malta). Kienu jqisu ruħhom (u bir-raġun) bħala parti mill-familja tax-xandara. Tgħidx kemm kienu jifirħu bija u, minnufih, nibdew niddiskutu proġetti ġodda għall-programm. Naturalment, intervista magħhom mill-istudjows ta' G'Mangia ma kienet tonqos qatt.

Il-programm *Il-Magazin tal-Emigranti* kien ukoll iwassal tagħrif minn korrispondenti oħra li jibagħtu l-messaġġi tagħhom mill-Ingilterra u mill-Istati Uniti u anki minn Franza wkoll.

U Fr. Laurence Attard kien jgħidli li, fil-bidu tiegħu, il-programm *Il-Magazin tal-Emigranti* kien imur, saħansitra, anki iktar 'il bogħod minn hekk għax korrispondenti tax-xandir kienu anki jitilgħu fuq il-vapuri li kienu se jsalpaw mill-Port il-Kbir għal artijiet oħra, l-aktar lejn l-Awstralja. Hemm kienu jintervistaw lil xi wħud minnhom bid-dmugħ f'għajnejhom. Dawn kienu jħarsu ċassi lejn nieshom fuq ix-xatt għall-aħħar darba u kienu jippruvaw iwieġbu għall-mistoqsijiet magħmula lilhom. Fl-isfond, kont tisma' l-ħoss tal-banda Maltija ddoqq il-marċi tal-festa biex, bħal donnu, ittaffi xi ftit mid-dieqa kbira li ġġib magħha l-firda.

### Nota tal-għeluq

Nixtieq ngħarraf lill-qarrejja kollha ta' din il-paġna li jien inkun ukoll fuq Radju Malta Nazzjonali nhar ta' Tnejn fid-20.50, għall-programm mużikali *Għandi Pjaċir Nipprezentalek*, kif ukoll nhar ta' Ħamis għall-programm *Ribalta Operistika*, li jibda fl-22.30 p.m.

# L-istorja tal-Mediċina

**Kitba riċerkata ta' Vincent Piccinino**

**John Hunter**



John Hunter twieled fit-13 ta' Frar 1728 f'Long Calderwood fil-parroċċa ta' East Kilbride, Lanarkshire. Kien l-iżgħar fost l-għaxart itfal ta' John u Agnes Hunter. Meta kien żgħir, kien jaħdem ta' *cabinet maker.*

Studja fl-isptar militari ta' Chelsea kif ukoll fl-isptarijiet ta' San Bartilmew u ta' San Ġorġ, f'Londra, minn fejn iggradwa bħala tabib fl-1756.

Fl-1760, mar bħala tabib fuq l-espedizzjoni ta' Hodgeson u Kappel lejn Belle Isle. Lura l-Ingilterra fl-1763, Hunter irtira mis-servizz fuq nofs paga u mar joqgħod ġo dar f'Golden Square jaħdem bħala tabib. Fl-1767, Hunter sar Fellow of the Royal Society.

Dr Hunter kien iżomm ħafna annimali d-dar biex ikun jista' jistudja fuqhom. Darbtejn ħajtu kienet fil-periklu minħabba f'hekk. Darba meta kellu jissara ma' għoġol u darba oħra meta ħa lura lejn il-gaġġa tagħhom żewġ leopardi li kienu ħarbulu.

Fl-1783, huwa xtara żewġt idjar; waħda f'Leicester Square u l-oħra f'Castle Street Londra flimkien mal-art ta' bejniethom. Bejn l-1783 u l-1785, għal spiża ta' aktar minn tlitt elef lira sterlina (li kienet somma kbira ħafna għal dak iż-żmien) bejn iż-żewġt idjar, huwa bena mużew għall-kollezzjonijiet tiegħu tal-anatomija u għal kollezzjonijiet oħrajn li, sal-1782, kienu diġà swewlu għaxart elef lira sterlina.

F'Mejju tal-1785, Hunter ippoża biex Sir Joshua Reynolds jagħmillu l-portrait tiegħu. Imma Hunter ma kellux kwiet u kien jiċċaqlaq wisq. Minħabba f'hekk, Reynolds ma setax jaħdem kif xtaq sakemm, darba, waqt li Hunter kien qed jippoża, għajnu marret bih u raqad u, b'hekk, il-pittur irnexxielu jagħmel il-ġmiel ta' kwadru li llum jinsab fir-Royal College of Surgeons.

Dr John Hunter miet meta kellu ħamsa u sittin sena fis-16 t'Ottubru tal-1793 waqt li kien qed jattendi laqgħa tal-bord tal-Isptar San Ġorġ. Huwa ġie midfun privatament fit-22 t'Ottubru f'St Martin's in the Fields imma, minn hemmhekk, il-fdalijiet tiegħu ġew meħudin f'Westminster Abbey fit-28 ta' Marzu 1859.



**Benjamin Rush**

Benjamin Rush, tabib Amerikan, twieled ġewwa Byberry, ħdejn Philadelphia, fl-Istat ta' Pennsylvania fl-1745. Meta kellu ħmistax-il sena, iggradwa mill-Università ta' Princeton u, fl-1768, ħa l-M.D. ġewwa Edinburgh.

Wara li qatta' xi sena fl-isptarijiet ta' Londra u Pariġi, beda jipprattika ġewwa Philadelphia. Fl-1774, flimkien ma' James Pemberton, Dr Rush waqqaf l-ewwel soċjetà kontra l-iskjavitù fl-Amerika.

Fl-4 ta' Lulju tal-1776, bħala membru tal-Kungress għall-Istat ta' Pennsylvania, Rush kien wieħed minn dawk li ffirma d-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Amerika u, fl-1787, kien membru tal-Konvenzjoni ta' Pennsylvania li addottat il-Kostituzzjoni Federali.

Dr Benjamin Rush sar professur tal-Istitut tal-Mediċina u, fl-1796, kien mogħti s-sedja tal-Mediċina fl-Università ta' Pennsylvania. Huwa beda jistudja dwar l-epidemiji u kien partikolarment interessat fl-istħarriġ tal-*yellow fever.*

Fl-1799,sar teżorier taz-Zekka Amerikana ġo Philadelphia stess. Il-kitba ta' Rush tkopri ħafna suġġetti. L-aħħar xogħol tiegħu kien studju elaborat bl-isem ta' *Diseases of the mind*, stampat fl-1812. Imma l-aktar xogħol li huwa magħruf għalih Rush huwa dak li deher f'ħames volumi jismu *Medical Inquiries and Observations* li ħarġu bejn l-1789 u l-1798.

Dr Benjamin Rush miet ġewwa Philadelphia fid-19 t'April tal-1813 wara marda ta' ħamest ijiem.

**Edward Jenner**

Edward Jenner, tabib u fiżiku Ingliż, twieled f'Berkeley, Gloucestershire, fl-1749 u kien it-tifel ta' qassis. Wara l-ewwel edukazzjoni ġewwa Wotton-under-Edge u f'Circencester, beda jistudja l-mediċina taħt Daniel Ludlow, tabib ta' Sodbury, ħdejn Bristol imma, fl-1770, mar Londra bħala student ta' John Hunter. Ftit wara, Jenner beda

jaħdem ma' Sir Joseph Banks jippreparalu u jorganizzalu l-*ispecimens* żuwoloġiċi li Banks kien ġabar matul l-ewwel vjaġġ tiegħu ma' Captain James Cook.



Fl-1773, Jenner irritorna f'Berkeley jipprattika l-mediċina. Huwa assista fit-twaqqif ta' soċjetà medika f'Rodborough u kien membru ta' oħra f'Alveston. Edward Jenner kien popolari fis-soċjetà; kien mużiċista tajjeb kif ukoll poeta. Fl-1788, Jenner iżżewweġ lil Catherine Kingscote u, erba' snin wara, fl-1792, kiseb l-M.D. minn St Andrews.

Meta Jenner studja l-*cowpox*, li hija marda tal-baqar, huwa skopra li vaċċin kompost mill-virus tal-*cowpox* iħares lill-bniedem kontra l-ġidri (*smallpox*). Billi l-*cowpox* kienet marda rari f'pajjiżu dak iż-żmien, Jenner ma kellux l-opportunità jiċċekkja t-teorija tiegħu dwar it-tilqim qabel l-1796 meta tella' wirja pubblika u njetta b'suċċess lil tifel ta' tmien snin, jismu James Phipps. Imma Jenner ma reġax kellu ċans jirrepeti dan l-esperiment qabel sentejn wara; jiġifieri, fl-1798, meta għamel tnejn u għoxrin esperiment ieħor. F'dik is-sena stess, Jenner ippubblika l-istudju tiegħu bl-isem ta' *Inquiry into the Cause and Effects of the Variolae Vaccinae*.

Is-sistema tal-immunizzazzjoni daħlet fl-isptar San Tumas ta' Londra bis-saħħa ta' Henry Cline. Infatti, Henry Cline, li kien tabib fl-isptar San Tumas, għamel sensiela ta' tilqim b'suċċess kontra l-ġidri u, b'hekk, ġab it-tilqim għall-attenzjoni tal-professjoni medika li, sa dak iż-żmien, kienet għadha ippreġudikata minħabba l-kritika formidabbli tat-tabib ċelebri Ingenhausz. Fl-istess waqt, l-introduzzjoni tat-tilqim inżammet lura sforz l-entużjażmu żejjed ta' George Pearson li beda jlaqqam bl-addoċċ.

Fl-1802, il-Parlament ivvota għotja ta' għaxart elef lira sterlina lil Edward Jenner u huwa baqa' jlaqqam; kultant, anki sa tliet mitt ruħ kuljum. Fl-1803, twaqqfet ir-*Royal Jennerian Society* għat-tilqim f'Londra. Fl-ewwel tmintax-il xahar, 12,000 persuna kienu mlaqqmin u l-medja annwali ta' mwiet mill-ġidri niżel minn 2018 għal 622.

Imma l-*Jennerian Society* sfaxxat minħabba nuqqas ta' qbil fl-1808 meta twaqqfet in-*National Vaccine Establishment*. It-tilqim xtered ukoll fl-Amerika bis-saħħa ta' Benjamin Waterhouse, professur tal-fiżika ġewwa Harvard.

Wara rapport favorevoli mill-Kulleġġ tat-Tobba, il-Ministru tal-Finanzi Ingliż, Spencer Percival, ippropona nefqa ta' għaxart elef lira oħra għal Jenner. Fl-aħħar, is-somma telgħet għal għoxrin elf lira fl-1806 u, fl-istess żmien, l-Indja ġabret madwar £7,383 għall-istess skop.

Fl-1813, Jenner irċieva M.D. onorarju minn Oxford. Huwa żar Londra għall-aħħar darba fl-1814 meta kien ippreżentat lir-Re Ġorġ III. Fl-1822, ippubblika l-aħħar xogħol tiegħu *On the Influence of Artificial Eruptions in Certain Diseases* u, fis-sena ta' wara, ippreżenta lis-Soċjetà Rjali l-aħħar studju tiegħu *On the Migration of Birds*. Edward Jenner miet fl-1823 f'Berkeley, fejn kien twieled. Imma l-iskoperta tiegħu fetħet it-triq għal diversi skemi ta' vaċċinazzjonijiet li, matul dawn l-aħħar mitejn sena, salvaw, tejbu u tawlu l-ħajja ta' biljuni ta' nies madwar id-dinja kollha.

## Appell għal min għandu xi kitba tiegħu li tkun informattiva u/jew ta' interess ġenerali u jixtieqna nippubblikawhielu f'dan il-magazine.

Ix-xewqa tagħna hi li dan il-*magazine* jkun verament tagħkom u li jibqa' jkun ta' interess għalikom l-anzjani ħbieb tagħna lkoll. Għaldaqstant, dawk li jixtiequ jaqsmu l-kitba tagħhom ma' sħabna l-anzjani billi tkun ippubblikata f'dan il-*magazine*, nistednuhom jibagħtuhielna u aħna nwegħduhom li, jekk il-kitba tagħhom tkun waħda informattiva u/jew ta' interess ġenerali għall-qarrejja tagħna, aħna nippubblikawha. Jekk jogħġobkom ippruvaw żommu l-kitba qasira kemm jista' jkun.

Il-Bord Editorjali ta' dan il-*magazine* japprezza anki l-kummenti li intom il-qarrejja jogħġobkom tagħmlulna, sew fuq il-kontenut kif ukoll fuq dak li tixtiequ li taraw ġdid ġo fih.

Min jixtieq jibgħat xi ittra lill-Editur jew xi kitba tiegħu għall-pubblikazzjoni f'dan il-fuljett jista' jagħmel dan billi jiktbilna f'dan l-indirizz – **Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Triq Dom Mawru Inguanez, Birkirkara, BKR 4811** jew billi jibgħatilna email fuq: **kna@onvol.net**

Il-Bord Editorjali jirriserva d-dritt li jiddeċiedi jekk għandux jeditja u jippubblika jew le kull kitba li tintbagħat.



# Titwiliet Għawdxin

**Kitba ta' Antoine Vassallo minn Victoria, Għawdex**

**Santa Luċija**

F'ħarġa oħra, kont ktibt dwar San Lawrenz; l-unika parroċċa Għawdxija msemmija għall-patrun. Imma teżisti kommunità oħra Għawdxija b'dil-karatteristika: dik ta' Santa Luċija. Għalkemm mhix parroċċa (infatti tagħmel ma' Ta' Kerċem) hawn għandna realtà mill-eqdem. Ma nkunx niżbalja jekk niddeskrivih bħala l-aħħar raħal li baqa' ma sarx parroċċa awtonoma. Sa minn ferm qabel ma l-liġi tal-Kunsilli Lokali ħolqot il-Kumitat Amministrattiv tal-lokalità, kien hemm tmexxija minn persuni tal-post li, saħansitra, ftiehmu dwar min għandu jinnomina ruħu biex jassiguraw li ma jkunx hemm ħtieġa ta' elezzjonijiet!

Sintendi, anki dan ir-raħal jidentifika ruħu bil-kbir mal-knisja, bl-istrutturi tagħha. Din il-kappella tkabbret u kienet irranġata iktar minn darba hekk li, illum, għandha proporzjonalità tassew attraenti, forma ta' salib Latin. Dokumenti jixhdu kappella eqdem fl-inħawi sa minn kmieni fis-seklu sittax. Fil-viżta tiegħu, Mons Dusina nnota li, saħansitra, din kellha xi art minn fejn jitħallsu l-ispejjeż. Imdendla fuq l-artal, iż-żjara tal-1608, sabet pittura fuq l-injam li kienet tirrappreżenta lil Santa Luċija, bi xbiha oħra mal-bieb.

Sfortunatament, probabbli b'riżultat ta' traskuraġni, din il-kappella ġieli kienet skonsagrata jew magħluqa minħabba nuqqasijiet essenzjali. Flimkien mad-disinn u l-fondi, il-bidu tal-binja preżenti, li kienet ikkonsagrata fl-1952, ġie tard fis-seklu tmintax permezz tal-Kanonku Mikelanġ Dandalona.

Taraha żgur fit-tarf tal-pjazza, b'zuntier imdaqqas. Il-faċċata klassika hija sempliċi b'erba' pilastri ijoniċi li, bħalhom, insibu anki fil-kampnar ċentrali, armat b'erba' qniepen maħdumin fl-1948 mid-ditta popolari Ingliża, Taylor. Fil-bieb tal-injam, hemm imnaqqax is-simbolu tal-martirju li jikkonsisti f'palma b'kuruna madwar salib.

Fis-saqaf, ma tistax ma tinnotax pittura tonda interessanti tal-bidu tas-seklu tagħna, ispirata mill-Apokalissi, li saret minn Austin Camilleri u hija intitolata "it-Traxxendenza tat-Tajbin fil-Ġenna". Din turi personaġġi lokali identifikabbli jwarrbu t-tunika biex, bħal speċi, jinqatgħu mid-dinja u, allura, jittajru 'l fuq. Sfortunatament, fil-passat, ittieħdet deċiżjoni li jitneħħa xogħol fin ta' Ġużeppi Sagona. Anki Ġużeppi Briffa ħadem hawn bħalma kien għamel ukoll fil-parroċċa.

Barra l-opri artistiċi reċenti, huma ta' interess ukoll, pereżempju, it-tili mill-kappella l-qadima fuq iż-żewġ artali laterali; wieħed ta' San Pawl u l-ieħor ta' San Ġużepp. Fis-sagristija, hemm tabernaklu tal-ġebel minqux b'ċerta sengħa li, skont studjużi, imur lura mal-erba' sekli jew iktar. It-titular, impitter minn artist mhux magħruf, juri lill-patruna, bis-soltu żewġ għajnejn fuq platt, tinterċedi għall-erwieħ mal-Madonna tas-Silġ.

Il-vara, li ddur mat-triqat fil-festa li ssir f'Diċembru, saret minn Wistin Camilleri bħala riżultat ta' wegħda konnessa mal-ġrajja tal-bastiment *Gange*, li wassal 'il fuq minn mitejn emigrant lejn l-Awstralja fl-1916 bit-tama li jsibu futur aħjar 'il bogħod minn Malta. Kienu minn diversi postijiet imma tieħu l-impressjoni li r-rappreżentanza minn irħula żgħar, bħal Santa Luċija f'Għawdex, kienet esaġerata.

Jista' jkun li dal-vapur Franċiż ma kienx jaf li kien qed jissogra meta pprova jdaħħal emigranti bla permess. Li hu żgur hu li twaqqaf u kien imġiegħel jibqa' sejjer lejn il-gżira Franċiża ta' *Nouvelle-Calédonie*. Biex tkompli tagħqad, fl-Awstralja, kien għaddej *referendum* jekk għandhiex tiddaħħal il-lieva jew le u l-Prim Ministru ħaseb li l-wasla ta' numru kbir ta' barranin tista' tintuża minn dawk li kienu kontra l-lieva. Infatti, kienu deskritti bħala mhux bojod għax kienu ġejjin minn qrib l-Afrika; fatt mgħawweġ peress li, kif nafu, il-Maltin konna sudditi Brittaniċi. Imma sservew bi klawsola fil-liġi biex għamlulhom eżami f'lingwa Ewropea, l-Olandiż, u, allura, kellhom skuża legali biex jeħilsu minnhom. Għaddew xhur ta' inċertezza

u kellhom ikunu interventi mill-Uffiċju Kolonjali Ingliż flimkien ma' dawk ta' diversi politiċi, inkluż tal-Gvernatur ta' *New South Wales*, Lord Gerald Strickland, biex l-avventura ntemmet b'wiċċ il-ġid.

It-talb fl-irħula tal-oriġini ma naqasx u dawk ta' Santa Luċija marru lil hinn minn hekk meta, saħansitra, għamlu wegħda mal-patruna li jagħmlulha statwa. Din twettqet fl-1920 mill-aqwa statwarju Għawdxi ta' dak iż-żmien.

Illum, għadda żmien biżżejjed biex din il-ġrajja tibda tingħadd mal-leġġendi u tiżdied ma' tant stejjer oħra dwar in-naħat tal-madwar. Imma dawn inħalluhom għal darba oħra għax xtaqt nagħlaq b'żewġ aneddoti differenti.

Santa Luċija welldet l-orkestra, jew il-Banda tad-Dudi li għandha anki triq imsemmija għaliha. Hemm min iddeskriviha bħala l-eqdem grupp tal-kordi organizzat; mhux biss f'Għawdex imma, saħansitra, fil-pajjiż! Id-Dudi kien sempliċement il-laqam ta' familja toqgħod fil-pjazza. Għalkemm il-membri nbidlu maż-żmien, il-maġġoranza kienu minn hawn. Dejjem kien hemm xi ħadd mill-familja Debrincat. Tant hu hekk li, meta, bejn iż-żewġ Gwerer, l-aħħar wieħed emigra, the *Gozo Quartetto* (kif dil-banda ġieli ssejħet mill-Ingliżi) xolja. Imma, sa dakinhar, laħqu taw ħafna gost f'diversi okkażjonijiet bħalma huma tiġijiet, il-karnival, għal xi ħadd li kiseb xi suċċess jew għal xi ħadd li jkun ġie lura minn barra. Meta ma kellhomx impenji, kienu joqogħdu jdoqqu fuq iz-zuntier u, rapport f'gazzetta, saħansitra, jagħtik x'taħseb li anki żeffiena ġieli kellhom magħhom. Sfortunatament, il-Banda tad-Dudi ħadet sinjifikat ta' dilettantiżmu imma, fir-realtà, dawn l-innovaturi kien jixirqilhom aħjar.

L-istess spirtu donnhom wirtuh il-fundaturi tal-għaqda Ta' Klula li jorganizzaw attivitajiet regolari bħal ikliet u festival tad-Dawl; assoċjazzjoni naturali ma' qaddisa b'isem bħal dan. Anki t-titlu ta' *European Destination of Excellence* nkiseb li jfisser li din il-kommunità jgħodduha bħala destinazzjoni ta' eċċellenza!

# San Ġwanni XXIII - il-Papa Twajjeb



### Kitba ta' Fr. Charles Buttigieg

Angelo Giuseppe Roncalli, il-Papa Ġwanni XXIII, *il Papa Buono*, twieled f'Sotto il Monte, ħdejn Brusicco qrib Bergamo, fir-reġjun tal-Lombardija fil-25 ta' Novembru tal-1881 minn famija umli, fqira u kbira. Il-ġenituri tiegħu kienu Giovanni Battista Roncalli u ommu Marianna Giulia Mazzola. Kien ordnat saċerdot fl-10 t'Awwissu tal-1904, ikkonsagrat isqof nhar il-festa ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu tal-1925, meta kellu erbgħa u erbgħin sena, u sar Kardinal fit-12 ta' Jannar tal-1953. Fil-bidu tas-saċerdozju tiegħu, Roncalli kien segretarju tal-isqof, imbagħad serva bħala kappillan militari fl-Ewwel Gwerra Dinjija u, iktar tard, ħadem f'missjoni diplomatika bħala Nunzju fil-Bulgarija, il-Greċja, it-Turkija u Franza. Fit-Tieni Gwerra Dinjija, huwa għen u salva diversi refuġjati, fosthom ħafna Lhud. Qabel ma sar papa, kien ukoll il-Patrijarka ta' Venezja. Ġie magħżul bħala papa fit-28 t'Ottubru 1958 wara ħdax-il votazzjoni meta jingħad li, fir-raba' jum tal-Konklavi, ġab tmienja u tletin vot minn wieħed u ħamsin kardinal. Huwa kellu kważi seba' u sebgħin sena meta laħaq Papa u ħa l-isem ta' Ġwanni XXIII. Il-motto tiegħu kien *Obedientia et pax*, jiġifieri, ubbidjenza u paċi. Angelo Giuseppe Roncalli qatt ma basar li kien se jsir papa. Fil-fatt, meta mar Ruma għall-konklavi, huwa xtara wkoll il-biljett tar-ritorn lura lejn Venezja.

Il-Papa Ġwanni XXIII nieda l-Konċilju Vatikan it-Tieni u poġġieh taħt il-ħarsien ta' San Ġuzepp bħala l-Protettur Universali tal-Knisja. Fil-bidu tal-Konċilju, il-Papa rringrazzja b'mod speċjali lill-Patrijiet Oblati ta' San Ġużepp għat-talb tagħhom li kien sar f'Marzu 1961, ix-xahar ta' San Ġużepp, fis-Santwarju Ġużeppin ta' Asti għas-suċċess tal-Konċilju Vatikan it-Tieni. Nhar it-13 ta' Novembru 1962, waqt li l-Papa nnifsu kien qed isegwi d-diversi sezzjonijiet tal-Konċilju, huwa ħasad lil kulħadd meta, permezz tal-Kardinal Segretarju tal-Istat, intervjena għall-arrieda minn jeddu biex wera li, fil-Kanoni tal-Quddies, (li, f'ħames mitt sena, qatt ma kien sar tibdil fih) wara l-isem ta' Marija, xtaq iżid il-frażi: "tal-Għarus tagħha San Ġużepp". Huwa ried ukoll li dan jidħol b'effett mit-8 ta' Diċembru 1962 bir-rikonixximent tal-Konċilju kollu li kellu lil San Ġużepp bħala patrun tiegħu.

Huwa fetaħ il-Konċilju Vatikan it-Tieni nhar il-11 t'Ottubru 1962. Dan kien il-wieħed u għoxrin Konċilju Ekumeniku tal-Knisja. Fih, ħadu sehem mal-2600 prelati konċiljari, ipprokklama sittax-il dokument konċiljari bl-ewwel dokument ikun il-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa tal-4 ta' Diċembru 1963 u bl-aħħar dokument ikun il-Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fid-dinja tal-lum, *Gaudium et Spes*, tas-7 ta' Diċembru tal-1965 fi żmien il-Papa Pawlu VI.

Ġwanni XXIII kellu mħabba speċjali lejn it-tfal, lejn il-morda kif ukoll lejn il-ħabsin li kien mar iżurhom fil-ħabs ta' Ruma. Fost l-Enċikliki tiegħu, insibu *Mater et magistra* (Omm u għalliema) u *Pacem in Terris* (Paċi fid-dinja) ta' żmien il-gwerra bierda bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Sovjetika. Fost il-kitbiet spiritwali tiegħu, insibu d-djarju spiritwali bl-isem, *Journal of a Soul*.

Giovanni XXIII miet fit-3 ta' Ġunju tal-1963 fl-età ta' wieħed u tmenin sena wara li, għal diversi xhur, kien qed ibati minn tumur fl-istonku. Il-kawża għall-beatifikazzjoni tiegħu bdiet fl-1965, sar beatu fit-3 ta' Settembru tas-sena 2000 u kien iddikjarat qaddis nhar is-27 t'April tal-2014, flimkien mal-Papa San Ġwanni Pawlu II. It-tifkira tiegħu, fil-Liturġija tal-Knisja, issir fil-11 t'Ottubru ta' kull sena.

# Ħaġa Sabiħa hija ta' Ferħ għal Dejjem

**Kitba ta' Paul J. Debono minn Ħal Lija**

"Ħaġa sabiħa hija ta' ferħ għal dejjem; is-sbuħija tagħha dejjem toktor u qatt ma tisfa fix-xejn!"

Mal-ewwel daqqa t'għajn li wieħed jagħti lil dawn il-versi tal-ftuħ tal-poeżija *Edminion* ta' John Keats, fis jintebaħ li l-poeta wera ħsieb tassew għoli u sabiħ. John Keats kien poeta Ingliż li għex bejn l-1795 u l-1821. Minkejja li miet fl-età żgħira ta' ħamsa u għoxrin sena, huwa kiteb bosta poeżiji ta' ġmiel kbir li bħalhom ftit issib fil-letteratura Ingliża. Biżżejjed insemmu l-*Odes*, *Isabella* u *The Eve of St Agnes* li huma nisġa ta' ġmiel kemm fil-għamla kif ukoll fl-espressjoni lirika tagħhom.

Fl-ewwel żewġ versi, wieħed jifhem il-poeżija kollha għax, mill-bidu sat-tmiem tagħha, il-poeta ma jagħmilx ħaġ'oħra ħlief li jfiehem il-ħsieb ewlieni tiegħu; ħsieb sabiħ espress minn ħolqa ta' kliem minsuġin flimkien b'tant għaqal.

Id-dinja tixbaħ koppla ta' ħġieġ ikkulurit. Xi ftit minn dan il-ħġieġ huwa sabiħ u jlellex bi ġmielu. Meta tħares lejh, tissaħħar u tħoss ferħ kbir jitwieled ġo fik. Imma, f'din l-istess koppla, hemm ukoll ħġieġ li huwa sewdieni u mtappan u li, meta tħares lejh, flok tlellix, tara ċ-ċpar u, flok ferħ, tħoss id-dwejjaq u s-swied ta' qalb.

Jista' jkun li dan huwa ħolqien tal-bniedem stess li, sa minn żmien ir-Rivoluzzjoni Industrijali, dennes id-dinja bid-duħħan li kontinwament joħroġ miċ-ċmieni tal-fabriki, tal-ferroviji u tal-vapuri. Anki jekk illum l-użu tal-faħam qed jinqata', postu ħadu t-tniġġis li ġej mid-*diesel*, mill-*petrol* u mill-impjanti nukleari. Nittama biss li, fi żmien ftit snin oħra mhux fil-bogħod, kull karozza tkun taħdem bl-elettriku (jew b'xi ħaġa oħra) li ma jniġġisx jew li jniġġes ferm inqas.

Imma, nerġa' niġi għas-sbuħija. L-Ewropa hija miżgħuda b'katidrali ta' stil Gotiku flimkien ma' palazzi ta' stil Barokk il-ġmiel tagħhom. Ruma hija belt monumentali. L-Italja hija l *giardino del Europa*; mużew wieħed, tista' tgħid, ta' sbuħija u arti kull fejn tirfes u kull fejn timraħ. Fil-palazz ta' *Schönbrunn* fi Vjenna insibu ġmiel ta' pittura u ta' arazzi filwaqt li, anki fil-*Holy Rood Palace*, f'*Edinburgh*, tgħaxxaqt nara l-arazzi u l-kwadri. U xi ngħidu għall-Parlament ta' Budapest? Xogħol Gotiku tassew mill-isbaħ.

Anki fiċ-ċkejkna u maħbuba Malta, għandna s-sabiħ tagħna wkoll. Biżżejjed insemmu l-Kon-Kattidral ta' San Ġwann li huwa ġawhra ta' arti mill-aqwa kemm fl-arkitettura tiegħu, u wisq u wisq iżjed fl-iskultura li fih u fil-pittura imprezzabbli ta' Mattia Preti u ta' Caravaggio. Saħansitra, anki fiċ-ċkejken Għawdex, minbarra ċ-Ċittadella, insibu s-Santwarju sabiħ Ta' Pinu; kapolavur ta' arti Romaneska u skultura rqiqa li ssaħħrek bi ġmielha.

Inkun qed nonqos jekk ma nsemmix is-sbuħija tal-letteratura tal-*Iliade*, il-kitba filosofika ta' Aristotile, ta' Santu Wistin, ta' San Tumas d'Aquina, id-*Divina Commedia* ta' Dante Alighieri, l-*Idylls of the King* ta' Alfred Lord Tennyson, l-epika, *Gerusalemme liberata* ta' Torquato Tasso, il-*plays* famużi ta' dak id-drammaturgu kbir William Shakespeare, ix-xogħol ta' Moliere u anki ta' bosta kittieba kbar oħrajn f'dan il-qasam.

Lanqas irrid ninsa s-sbuħija tal-ikoni Biżantini b'dak l-isfond dehbi jlellex flimkien mas-sbuħija ta' Santa Sofia li, minkejja li ġerrbu tant sekli minn fuqha, baqgħet tgħaxxaq bi ġmielha.

Hemm ukoll il-mużika li ħoloq il-bniedem tul il-milja taż-żmien, minn Palestrina sa Verdi, Wagner, Strauss, Mozart u bosta oħrajn.

Fuq kollox, id-dinja bl-Alpi li, fix-xitwa, fuq sidirhom tistrieħ il-borra; bil-widien iħaddru; bix-xmajjar u bl-ibħra miżgħudin bi ħlejjaq ta' kull għamla u lewn. Jekk tassew nixtiequ nippriservaw is-sbuħija naturali tad-dinja, ejjew inħallu bla mittiefsa l-imsaġar tal-Amazonja li huma l-pulmuni tad-dinja. Għaliex nibqgħu inqaċċtu s-siġar għall-injam u għall-iżvilupp mingħajr ebda rażan? Ejja nxettlu siġar oħrajn flokhom mingħajr aktar dewmien! Noħolqu *garden cities*; bliet mibnijin fil-ġonna. Ma ninsewx li, minbarra li joħolqu ambjent mill-isbaħ, is-siġar isaffu l-arja li tidħol fil-pulmuni tagħna ma' kull nifs li nieħdu.

Hemm bżonn inwasslu l-ilma sad-deżert tas-Sahara u nagħmluh art fertili. Hemm ħtieġa urġenti li ngħinu lill-popli Affrikani billi naqsmu t-tagħlim kollu li ksibna magħhom ħalli jonqsu l-ġuħ u l-faqar u l-ħajja titbissmilhom iktar u ma jkollhomx għalfejn jissugraw ħajjithom billi jaqsmu l-baħar fuq biċċa ċattra ħalli jfittxu ħajja aħjar fl-Ewropa.

Irridu nagħmlu sforz bis-serjetà biex neqirdu l-plastik li qed jagħmel tant ħsara mhux biss fuq l-art imma, iktar u iktar, fil-baħar fejn qed imarrad l-ibħra u jhedded il-ħajja ta' ħafna speċi marini; fawna u flora. Għandna nieħdu eżempju mill-Ungerija li kien l-ewwel pajjiż li warrab il-plastik.

Ejjew ngħollu ħsiebna lejn il-Kbir Ħallieq biex Hu jnebbaħ lill-bniedem ħalli dan jagħraf jimxi bid-dehen u bil-għaqal biex ma jkunx hu stess li jeqred l-unika dinja li għandu u li tant hija sabiħa. Ejjew nissieħbu fit-talb tagħna biex, fost il-bnedmin, isaltnu dejjem il-ħaqq u s-sewwa u biex il-paċi u l-ġid ikunu s-sisien li fuqhom il-bnedmin isibu l-hena u s-sliem li huma tant mixtieqin.

# Joe Cilia 1937 – 2017

**Kitba ta' Paul Cilia mir-Rabat, Malta**

Min, minna l-irġiel, anzjani, dilettanti tal-*football*, ma jiftakarx lil Joe Cilia?  e Cilia kien Rabti eżemplari li, tul karriera twila bħala *player/coach* tal-*football*, kemm lokali kif ukoll internazzjonali ta' aktar minn ħamsin sena, għamel ġieħ kbir lil Malta.

Joe Cilia twieled ir-Rabat, Malta, fit-22 t'Ottubru tal-1937. Beda l-karriera tiegħu bħala *player* fl-istaġun 1948-49, meta kien għad kellu biss ħdax-il sena u, sentejn wara, irreġistra mal-*Malta Football Association*. Huwa dam jilgħab il-logħba tal-*football* sal-istaġun 1975-76 u, matul dawn it-tmienja u għoxrin sena bħala *player*, rebaħ l-unuri kollha li joffri l-*football* Malti, jiġifieri, il-*League*, l-*FA Trophy* u s-*Super Cup*.

Ir-ritratt li jidher hawn taħt, meħud fl-*Empire Stadium* tal-Gżira, jikkommemora l-ewwel rebħ tal-kampjonat ta' *Rabat FC* u l-promozzjoni tagħhom għall-ogħla diviżjoni tal-*MFA* fl-1950/51. Fit-tarf tal-lemin ta' dan ir-ritratt, jidher Joe Cilia meta kien għad kellu biss tlettax-il sena. Joe jidher bil-bagalja maġenb saqajh u bix-xugaman imdawwar m'għonqu, bl-iskuża biex taparsi qiegħed jassisti lill-*manager* ħalli jkun jista' jivvjaġġa mal-*players* u jidħol il-*ground* b'xejn.

Bħala *player* żgħażugħ, insibuh mat-tim tal-iskola, mal-Lyceum Sekondarja kif ukoll mad-*Dockyard Technical College Team*. Illum, tista' tgħid li, għal dak li hu *football*, kull belt u raħal għandu n-*nursery* tiegħu. Dawn kienu ġew organizzati fuq skala nazzjonali fl-1972 u, wara, permezz tal-*Youth FA*. Però, ir-Rabat, aħna għandna tassew biex niftaħru għax, sa mill-1946, diġà kellna n-*nursery* tagħna. Dak iż-żmien, ir-Rabat kien hawn għadd kbir ta' refuġjati; familji li telqu mill-bliet u rħula Maltin, jew biex jeħilsu mill-qilla tal-attakki mill-ajru tal-għadu jew, saħansitra, anki għax id-djar fejn kienu joqgħodu sfaw imġarrbin. Minn fost it-tfal ta' dawn il-familji, kif ukoll minn fost tfal oħrajn Rabtin, stajna ngħaqqdu sitt timijiet magħmulin minn żgħażagħ taħt is-sittax-il sena b'ismijiet li jiena konvint li ħafna anzjani bħali għadhom jiftakru sal-lum stess bħal, *Swifts, Dynamos, Ambrosiana, St John Brigade, Imdina School* u *Blue Stars*.

Il-*coaches* barranin li kellna r-Rabat dak iż-żmien mill-ewwel xeħtu għajnejhom fuq Joe Cilia u, fl-1950, huwa rreġistra ma' Rabat *FC* fejn dam jilgħab sal-1956. Lagħab mal-ogħla diviżjoni sa mill-età ta' ħmistax-il sena u kien jilgħab f'kull diviżjoni tal-*football* kompetittiv, mill-*minors* sal-*MFA first eleven* meta kien għadu taħt it-tmintax-il sena. Fl-1954-55, Joe stabbilixxa *record* ta' disa' u erbgħin logħba kompetittiva fi staġun wieħed.

Bejn l-1956 u l-1964, Joe Cilia kien jifforma parti mit-tim ta' Valletta. Dan kien żmien meta *Valletta FC* kienu fl-aqwa glorja tagħhom. Joe Cilia kien l-uniku *player* Malti b'*record* li kien dejjem preżenti f'disa' staġuni konsekuttivi bejn, l-1955 u l-1964, u anki kien l-ewwel *player* Malti li rebaħ il-*Footballer of the Year trophy* darbtejn, jiġifieri, fl-1958 u fl-1964. Fis-snin ta' bejn l-1965 u l-1969, Joe Cilia kien *player, captain* kif ukoll *coach* tal-*Melita Eagles* f'*Sydney*, l-Awstralja.

U bħallikieku dan ma kienx biżżejjed, meta waqaf mill-logħob tal-*football*, Joe beda karriera oħra bħala *Qualified Association Football Coach*. Fost it-timijiet li mexxa, insibu lil dawk tal-istess Rabat, Valletta, Sliema, Floriana, Birgu, Qormi, Siġġiewi, Żurrieq, Birkirkara u anki dak ta' *Hiberians*.

Fil-ħamsin sena li kien ilu mwaqqaf bħala *club*, *Rabat Ajax* qatt ma kien għadu rnexxielu jirbaħ unuri maġġuri. Imma, fis-snin bejn l-1984 u l-1986, Joe Cilia kien strumentali biex *Rabat Ajax* irnexxielu jikteb l-isbaħ paġni tad-deheb fl-istorja tal-*football* tiegħu meta, taħt il-gwida tal-*coach* Rabti, Joe Cilia, rebaħ il-kompetizzjoni u t-*trophies* kollha li joffri l-*football* Malti. Dakinhar, fir-Rabat, saru festi kbar, *street parties* u kunċerti meta, saħansitra, kienet l-ewwel darba li ż-żewġ baned ewlenin tar-Rabat, il-Banda L'Isle Adam u l-Banda Konti Ruġġieru, ingħaqdu flimkien f'manifestazzjoni waħda ta' ferħ u ħbiberija biex jiċċelebraw dan l-avveniment storiku għar-Rabat.

Joe Cilia ħalliena fil-5 t'Awwissu tal-2017, fl-età ta' kważi tmenin sena, imma l-wirt li ħallielna jibqa' warajh u jkompli jagħmillu iktar ġieħ sakemm il-logħba tal-*football* tibqa' tintlagħab ġewwa pajjiżna.



# Mill-ktieb tat-tifkiriet
## *'Fjuri li ma Jinxfux'*

**tal-Prof. Oliver Friggieri**




# Anki l-omm ikollha tħaddi d-dar

Id-dar żvujtat għalkollox meta lil ommi, madwar l-1991, kellna neħduha f'San Vinċenz de Paule. Missieri kien miet sena qabel u ommi, għal ftit żmien, sabet ruħha, bħallikieku, qiegħda tgħix f'villa kbira għaliha biss. Issa, saħħitha kienet marret lura, iz-zokkor kielha, għolbot u mixjitha saret tkaxkira waħda. Kliemha sar mill-inqas, ħarsitha miksura mixħuta xi mkien lil hinn, fil-bogħod, mhux lejna. Baqgħet tipprova titbissem sal-aħħar. F'San Vinċenz, bħax-xjuħ kollha, sabet il-ħarsien ta' tant nies twajba li jaħdmu lejl u nhar b'sagrifiċċju liema bħalu. "Jekk ma tmorrux il-Ġenna intom, ma jmur ħadd," darba għedt lil waħda mill-infermieri ta' San Vinċenz.

Bil-mod il-mod, jew b'ħeffa kbira, ma nafx, ommi naqqset mill-kliem għalkollox u kliemha kollu kien miġbur f'ħarsitha miksura u ċassa. "Kif int, ma?" kont nistaqsiha, nieqes jien ukoll mill-kliem u skantat li l-ħajja hi dik li hi.

"Tajba, ibni, tajba," u kienet titbissimli. Kienet tifraħ tarani ġej minn tul il-kuritur u, malli nasal, kienet iddur fuq waħda minn sħabha u tgħidilha kburija, bil-biċċa tbissima li kien fadlilha, "Dan it-tifel tiegħi!"

Meta darba ċemplu minn San Vinċenz lil oħti Lydia biex jgħidulha li ommi qalbet għall-agħar, tlaqna minnufih bil-karozza u sibnieha rieqda, mitlufa. "Ma," għedtilha, b'bikja kbira fija. Fetħet kemm kemm għajnejha, ħarset lejja minn fuq l-imħadda u reġgħet raqdet. Violet u Lydia nfexxew jibku u lkoll ħriġna minn ħdejha fil-kuritur. Kien hemm sikta kiefra wisq.

Għaddiet erbat ijiem mitlufa minn sensiha, iżżomm ħajja bl-ossiġnu, tieħu nifs qawwi wieħed wara l-ieħor, għajnejha magħluqin, rasha mxengla fuq il-lemin, idejha mitluqin fuq il-liżar, miftuħin. Għaddejna erbat ijiem inħarsu lejha, ċassi, nistennew l-aħħar nifs jasal. "Issa sejra għand Ġesù," qalilna ħija b'kalma kbira, bil-fidi kbira tiegħu, biex ifakkarni li dan hu proċess naturali, normali, li bih ir-ruħ tinfatam mill-ġisem u taqbad il-vjaġġ it-twil.

Tlabt u bkejt waħdi. Ftakart meta, snin qabel, matul l-1984-86, kont diġà pinġejt dik ix-xena jien u nikteb ir-rumanz *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri*. Kont stħajjilt lil ommi qiegħda tgħidli li issa kien wasal il-waqt li titlaq u li ma kellix għalfejn nixtiqilha li tqum mis-sodda u tfieq. Kont ktibt li issa, jekk ma kellix nemmen f'dak il-waqt, ma kelli nemmen qatt. Dejjem fhimt li l-mewt hi l-mument meta wieħed għandu jħoss lil Alla l-aktar. Il-fidi tingħaraf biss fil-maltemp, meta tibqa' temmen li jrid ifeġġ il-bnazzi, imma mhux hawn, lil hinn minn hawn. Il-ferħ żejjed hu għalija l-għadu tal-fidi; il-fidi hija l-għarfien li l-Kalvarju fih sens li jrid jitfisser u mhux li l-Kalvarju hu xi festa. Il-fidi li tifraħ u tidħak iżżejjed ma nħosshiex u nibża' li mhix dik li tidher.

Qabel ktibt dik ix-xena fir-rumanz, kont ili snin twal noħlom bil-mewt ta' ommi, ommi li kienet għadha fl-aħjar ta' saħħitha. Sibt ruħi qiegħed ngħix dak il-waqt ħafna drabi qabel u din mhix tbatija żgħira. Kien jaqbadni sens ta' taħwid kbir, ma nafx x'se naħseb jew x'se ngħid jew x'se nagħmel. Kont nistaqsi lili nnifsi kif tista' tkompli tgħix meta dik li wellditek ma tkunx għadha qiegħda tgħix? Naf biss kif kelli nitlob 'l Alla. Forsi hekk tnissel fija r-rumanz f'nofs it-tmeninijiet. Issa, li ommi kienet qiegħda tieħu l-aħħar nifsijiet, sibtni kalm, donni ferħan li kienet waslet biex tistrieħ. "It-toroq tal-Mulej imserrpa ħafna..."

Qiegħed infakkar is-snin ħamsin u ftit wara, imma qiegħed nikteb f'nofs id-disgħinijiet, ftit snin wara l-mewt tagħha f'Ġunju 1993. Domt, mill-inqas, xahar biex bkejt il-bikja vera tal-mewt tagħha. Ma kienx meta rajtha liebsa l-libsa skura li ħejjitilha oħti Lydia mill-għażla żgħira li kellha ommi fil-gwardarobba l-antika tad-dota, issa li kienet mimduda fuq irħama fil-kamra tal-mejtin, issa li kien il-jum ta' mewtha filgħaxija. Ma kienx lanqas matul il-funeral jew waqt id-difna. Dmugħ marsus, diqa qawwija, imma bikja le. Mela, hekk hi l-ħajja? Stagħġibt bija nnifsi li kont għadni ma ħassejtx l-intensità li, tassew, kont ħassejt jien u nikteb is-silta kollha fuq ommi fir-rumanz. Ma naħsibx li hemm poeżija, jew hemm letteratura, li tinkiteb mingħajr bikja kbira tal-awtur. Hekk hu, għallinqas, fil-każ tiegħi!

Kelli nkun waħdi, f'kamarti, waqt kungress twil fi *Schloss Leopoldskron*, f'*Salzburg*, qalb ix-xmajjar u l-muntanji u l-imsaġar, xahar wara, f'Lulju 1993. Kien waranofsinhar, ħin il-mistrieħ, wara sessjoni twila ta' taħditiet u diskussjonijiet fuq il-letteratura. Ħin bla waqt, qomt minn fuq is-sodda u bdejt nikteb u ktibt *Requiem* għal Ommi bla ma naf sewwasew kif. Fis-sikta tas-sajf ta' *Salzburg*, sa fl-aħħar, ħarġet il-bikja li ġarrejt miegħi minn Malta u, ladarba bkejt, ktibt. Poeżija hija l-aħjar talba li wieħed jista' jitlob biha lil Alla. F'nota qasira li ktibt wara, fost l-oħrajn kont niżżilt hekk: "Kellu jkun waqt qasir li mbagħad ħakimni għal tlitt ijiem sħaħ

li, matulhom, irriflettejt fit-tul fuq kull sillaba li ktibt. Il-poeżija ħarġet malajr, b'xi rqaqat differenti tassew żgħar u b'xi żidiet kif inhi issa. Kelli f'moħħi mhux biss lil ommi imma wkoll lil tant nies oħrajn... li batew ħafna fis-skiet..."

Ftit snin qabel, kelli nkun ukoll barra minn Malta, f'dar tas-sorijiet f'Ruma, biex ktibt *Requiem* għal Missieri. Forsi baqa' fija s-sens tal-vjaġġ li konna għamilna darba lejn Għawdex meta ommi ħassitha mbiegħda wisq mid-dar. Issa, li mid-dar tagħna kien telaq kulħadd għall-vjaġġ persunali tiegħu, issa bdejt nifhem kemm hemm vjaġġi differenti. L-itwal vjaġġi mhumiex dawk li, maż-żmien, kelli nagħmel f'bosta pajjiżi għal skopijiet akkademiċi u letterarji. L-itwal vjaġġi jibqgħu l-vjaġġ lejn Għawdex li ħasad lil ommi, il-vjaġġ lejn l-isptar li ħasad lili u l-vjaġġ ta' ommi u missieri lejn l-Addolorata. Il-vjaġġi ma jitkejlux bid-distanzi fiżiċi. Jitkejlu bis-sentiment li jnisslu fil-qalb, marka li tibqa' hemm sakemm il-qalb stess ma ttektikx aktar.

Ilkoll ħriġna fi vjaġġ minn dik id-dar magħluqa f'Misraħ San Kalċidonju, f'Balzunetta. Kollox beda meta missieri twebbel li naqsmu l-baħar bejn iż-żewġ gżejjer. Hemm għżira misterjuża li titbandal ġo fina u jkollna nġorruha magħna kulfejn immorru. Imkien mhu 'l bogħod daqskemm hemm bogħod bejn stampa u oħra fl-album oħxon tal-memorja.

# Kien żmien ieħor!

## Kitba ta' Carmen Dimech



Hija tassew ħaġa tal-iskantament li, meta aħna l-anzjani ma nkunux nistgħu norqdu, moħħna tgħidx kemm jimraħ bir-*reverse*! Dal-lejl ma stajtx norqod u, għaldaqstant, mhux ta' b'xejn li dalgħodu sbaħt nikteb dwar kif ommijietna kienu jkellmu liċ-ċkejknin tagħhom fl-imgħoddi. Din il-kitba semmejtha 'Kien żmien ieħor' imma stajt anki semmejtha wkoll 'Kliem li għeb'.

Għal min ma esperjenzax dak iż-żmien ngħidu li, sa minn meta kienet titwieled it-tarbija, l-omm kienet, tista' tgħid, mill-ewwel tibda tipprova tikkomunika magħha, jew miegħu, b'lingwa speċifika u differenti min dik li kienet tintuża mal-adulti l-oħrajn. Pereżempju, jekk it-tifel iqum jibki, l-omm kienet dlonk tgħidlu: "Xi ġralu Ġanni tiegħi, eh? Għalfejn qed ibejki? Fejn għandek il-mimmi, ruħi? (Jiġifieri, fejn għandek juġgħak?) Jew, "Trid bumbu?" (Tixrob) "Issa dalwaqt nagħmillek ċuffa, ta!" (Jiġifieri, naħslek) "Imbagħad, inlibbsek il-bobba" (il-libsa) "u mmorru barbar!" (noħorġu) "bil-paqqa." (karozza). Jew lit-tifla tgħidilha: "U int Ċikka ruħi ċiċċi beqqi" (oqgħod bilqiegħda) "ħa ntik il-kukka" (il-bajda) "u nbillu l-pappa" (il-ħobż) "ġo fiha. U, jekk tikolha kollha, intik iċ-ċejċa" (il-ħelu) "imma, jekk ma tikolhiex, taqla' qeqqe" (jiġifieri, daqqa żgħira fuq idejha). "Iss'ejja ħa nlibbsek il-bambu" (iż-żarbun) "għax daqt isirlek il-ħin għall-Iskola tan-Nuna" (il-*kindergarten* jew in-*nursery*). U, jekk Ċikka tkun diġà bdiet tlissen xi kelma, x'aktarx li kienet tweġibha: "Imma jien irrid niġi magħkom, barbar, u bit-tuttu" (biż-żiemel) "tal-pa, mhux bil-paqqa!" U ommha kienet tgħidilha bil-ħlewwa: "Mhux illum Ċikka ruħi, għax illum għandek l-iskola. Iss' għamillu tata" (*ciao* jew *bye*) "lil ħuk Ġanni ħa nfittxu mmorru għax is-sinjora" (il-*miss* jew il-*madam*) "tkun qed tistenniek." U t-tifla terġa': "Kif nista' nagħmillu tata lil Ġanni? Dak qed ininni" (rieqed) "għax dak għadu vavu" (*baby*).

Ninni forsi hija l-unika kelma bil-Malti safi li kulħadd għadu jifhem it-tifsira tagħha sal-lum stess għax, fi żmien il-Milied, kull sena nkantaw in-'Ninni la tibkix iżjed' mhux hekk? Imma, min jaf, forsi xi studjuż bħal, ngħidu aħna, is-Sur Guido Lanfranco, jew xi student tal-Malti fl-Università, jafu jitħajru xi darba jagħmlu studju folkloristiku ta' dan il-kliem li llum għeb għalkollox mid-dizzjunarju tal-vokabularju tagħna.

Mingħajr dubbju ta' xejn, minn dan il-lat, illum għamilna avvanz enormi f'dak li huwa Malti mitkellem u, għalhekk, ara ma jkunx hawn min jaħseb li qed nikteb hekk b'xi sens ta' nostalġija jew inkella b'xi xewqa li nerġgħu mmoru lura għaż-żmien tal-medjuevu; xejn minn dan. Qed nirrimarka biss kemm jinbidlu ż-żminijiet u xejn iktar. Illum, pereżempju ieħor, ħadd m'għadu jsemmi Ġanni. Forsi Ġanni issa sar Jonathan. (Ġanni landa kien jgħidlu l-kittieb Kilin, Alla jaħfirlu!). U forsi, kultant, immoru xi ftit fl-estrem l-ieħor ukoll għax, illum, lil Jonathan, il-mummy tgħidlu: 'Ara ġejja l-*car*!" Jew: "Jekk tagħmel *sleep*, nixtrilek *tablet*!" imqar jekk ikun għadu fil-*pushchair*! Imma biex forsi, ma tafx kif, Jonathan jehda u jiċċassa jħares lejh u jħallina ftit kwieti, lesti nagħmlu minn kollox. U Ċikka, issa, saret Francine, jew xi ħaġa hekk, insomma u, illum, il-*mummy* ma tippruvax tixtriha biċ-ċejċa għax, inkella, meta tikber, kif ikollha figure bħal ta' Naomi Campbell?

Illum, lit-tfal ħadd m'għadu jbeżżagħhom bil-Babaw; il-fenek ħadd m'għadu jgħidlu muċċu; il-qattus m'għadux pejxu u l-kelb ħadd m'għadu jirreferi għalih bħala tetu! Illum imxejna 'l quddiem u, minflok il-Quċċija, lit-tfal noħduhom l-Esplora ħa jitgħallmu miċ-ċokon fuq ix-xjenza għax, sakemm jikbru, il-probabbiltà hi li se jkunu jistgħu jixtru biċċa art fuq il-qamar fejn jibnu blokk appartamenti bil-penthouse b'kollox ħalli, mal-partners tagħhom, hemm fuq nett, ikunu jistgħu jinnamraw f'qamar il-għasel tal-ġenn iktar qrib tal-istilel. Dak romantiċiżmu, xi tgħid?

# Żewġ ittri anonimi

**Novella ta' Lina Brockdorff**

Laura u Marina, kellhom bejn l-erbgħin u ħamsa u erbgħin sena. Kien ilhom ħbieb sa mill-iskola sekondarja. It-tnejn kienu joqogħdu l-Imsida u t-tnejn kienu miżżewġin bid-differenza li Laura u Tony kellhom żewġt itfal żgħar filwaqt li Marina u Josie ma kellhomx tfal. Kien hemm fattur ieħor li kien jgħaqqadhom flimkien, il-fatt li kemm Tony kif ukoll Josie kienu rġiel kwieti żżejjed u forsi nistgħu nsejħulhom ukoll xi ftit strambi. Lura d-dar wara x-xogħol erħilhom jibilgħu kikkra kafé u dritt għall-istudju tagħhom fejn kienu joqogħdu bi kwiethom sa ma jsir ħin l-ikel. Jekk Laura tipprova tibda tirrakonta xi ġrajjiet tagħha ta' matul il-jum, Tony iħalliha titkellem waħedha u xorta jfittex ir-rifuġju tal-istudju fejn kien iqatta' ż-żmien jilgħab bil-kollezzjonijiet tal-bolli. Josie ma kienx differenti. Iż-żewġt itfal tiegħu iduru miegħu jistennew ftit fsied waqt li hu jinjorahom għalkollox għax kien ikun bla sabar biex ifittex jixgħel is-sett tat-televiżjoni fl-istudju tiegħu u erħilu jintilef jisma' l-aħbarijiet sportivi. Tgħidx kemm-il ġurnal tal-isports kien jixtri u kemm-il ritratti kien iqasqas u jwaħħal f'*albums* li kien jixtri apposta! Ħbieb xejn, ħadd minnhom. Kieku qatt kien jiġihom f'moħħhom biex jistiednu l-mara għal xi ikla f'xi lukanda jew f'xi restorant.

Kien hemm żmien meta n-nisa bħal kienu *draw* u, allura, aċċettaw din l-imġiba ta' żwieġhom waqt li, drabi oħrajn, kien jaqbadhom attakk kważi ta' paniku għax dehrilhom li kien jixirqilhom aħjar minn hekk. F'mumenti bħal dawn, kienu jċemplu lil xulxin b'ħafna biki għax ma kinux jafu kif ser isolvu din il-problema.

Wasal jum meta n-nisa kellhom fuqhom attakk nervuż aktar mis-soltu u xtaqu li, b'xi mod, jagħtu tagħlima lil żwieġhom. Ħadmu pjan bejniethom li tista' tgħid li rnexxa. Dan il-pjan kellu jaħdem il-ġimgħa ta' wara. Kien tmiem il-ġimgħa meta xorta l-irġiel kienu jingħalqu fl-istudju. Xi drabi, Marina kienet tispiċċa toħroġ it-tfal waħedha u erħilha tgerger li żgur in-nies jaħsbuha xi armla.

"In-nies erħilhom jaħsbu li jridu," kien iweġibha xott xott żewġha. Mur ħu palju ma' raġel bħal dan!

Bl-għajnuna t'Alla, waslet il-ġimġħa ta' wara. Kien il-jum tat-Tlieta meta ż-żewġt irġiel irċevew ittra d-dar; ħaġa mhux tas-soltu għax il-korrispondenza dejjem kienu jirċevuha l-uffiċċju. Tony, tant berraq għajnejh meta lemaħ dak l-envelopp indirizzat lilu, li qabdu, tefgħu fil-but tal-ġakketta u tellgħu miegħu fuq. Laura għamlet minn kollox biex tikkontrolla tbissima. Dik l-ittra kienet kitbitha Marina waqt li ta' Josie kitbitha Laura. Wieħed kellu jistenna quddiem u l-ieħor wara t-Teatru, il-Belt.

L-ittra kienet tgħid hekk:

*Għażiż Tony,*

*Kieku taf kemm nammirak imma, jaħasra, qatt ma kelli kuraġġ li, b'xi mod, nurik. Issa waħħaltha f'rasi li wasal iż-żmien li inti tkun taf. Nixtieq niltaqa' miegħek nhar l-Erbgħa, il-Belt quddiem it-Teatru għal xi s-sitta. Niġi fuqek u nkellmek jien. Nitolbok, tħallinix nistenna għalxejn. Tassew ħerqana li niltaqgħu.*
*Ammiratriċi tiegħek*

Naturalment, kif stennew in-nisa, l-ebda wieħed mill-irġiel ma tkellem dwar dik l-ittra anonima li kien irċieva. L-Erbgħa filgħodu, Tony qal lil Laura li kellu bżonn imur jara xi *albums* tal-bolli u li aktarx jittardja ftit biex jasal. Josie avża lil Marina mit-Tlieta filgħaxija li l-uffiċċju daħal ftit xogħol mhux ħażin u li għandu mnejn idum xi ftit. Marina qalet lil ommha biex teħdilha ħsieb iż-żgħar.

Wasal l-Erbgħa waranofsinhar. In-nisa ftiehmu li ma jmorrux qrib l-irġiel qabel, għall-inqas, ma tgħaddi nofsiegħa wara s-sitta. Hekk għamlu u, naturalment, hemm sabu lill-irġiel tagħhom. In-nisa għamlu tabirruħhom li kienu sorpriżi li sabu lil żwieġhom hemm. Qalu li daħlu l-Belt biex jixtru xi ħwejjeġ mis-*Sales* imma, ladarba l-irġiel kienu lesti milli kellhom jagħmlu, setgħu jħallu x-xiri għal jum ieħor u tkun idea tajba jekk imorru kollha flimkien ġo xi restorant u jieklu bukkun hemmhekk. In-nisa kienu ħasbu għal biżżejjed flus biex żgur ma jiltaqgħu ma' ebda intopp.

Ebda wieħed mill-irġiel ma oppona din il-proposta. ilkemm titwemmen imma l-irġiel ħadu pjaċir daqskemm ħadu n-nisa tant li Laura għamlet il-kuraġġ biex issuġġeriet li jmisshom jibqgħu jagħmluha darba fil-ġimgħa. Stenniet xi ħasla mingħand Tony imma, għall-kuntrarju, weġibha Josie u bi tbissima qalilha: "Naħseb li tkun idea tajba. Għax m'għandniex noħorġu, l-erbgħa li aħna, darba fil-ġimgħa? Ngħid għalija, ma ddejjaqtx!"


"Larry and I invited you here tonight to take our focus off each other."



# Xi ħaġa x'jomgħod għal min m'għandux snien

## Kitba ta' Anthony Cardona B.A.,M.A., S.Th.D

Fl-ewwel parti ta' dan l-artiklu, li dehret fil-ħarġa numru 93 ta' Jannar-Marzu 2019, kont spjegajt kif it-Teorija tal-Evoluzzjoni ta' Charles Darwin "On The Origin of Species by Means of Natural Selection," li kienet ippubblikata fl-1859, ma tagħtix tweġiba definittiva li r-razza umana nibtet u evolviet madwar 3.8 biljun sena ilu, meta massa ta' molekoli minn sustanzi kimiċi bla ħajja ffurmaw entità ħajja b'xi tempesta tas-sajjetti; u dan għax l-elettriku ta l-ħajja lil din il-molekula primordjali u għamilha organiżmu ħaj. Illum nafu li dan ma jistax ikun u l-ebda xjenzat fid-dinja ma jista' joħloq organiżmu ħaj fil-laboratorju permezz ta' impulsi elettriċi.

It-Teorija tal-Evoluzzjoni ma tarax għajn m'għajn max-xjenza moderna u x-xjenzati tal-lum jarawha bħala għadd ta' assunzjonijiet bla bażi. Mela allura, jekk il-ħajja ma bdietx b'kumbinazzjoni, b'xi inċident naturali, minn fejn ġiet? Aħna min aħna u minn fejn ġejna? Kif bdiet il-ħajja u minn fejn ġie l-univers?

Illum id-dibattitu dwar l-oriġini tal-ħajja u tal-univers qed jintensifika u qed jolqot il-midja bħal tsunami. Fuq naħa waħda nsibu x-xjenzati atei bħal Richard Dawkins u Stephen Gould, li jsostnu li l-ħajja nibtet u evolviet waħedha, u ma jammettux li jista' jeżisti Alla Suprem li ħalaq kollox bil-qawwa omnipotenti Tiegħu. Huma jsostnu li l-ħajja umana hija "riżultat ta' inċident evoluzzjonarju glorjuż". L-univers kien jeżisti minn dejjem u kulma fih huwa biss materjali. Minn din il-materja li baqgħet tevolvi tnisslet il-ħajja, li teżisti fl-Univers u hija mifruxa ma' kullimkien. Għalhekk il-ħajja hija biss prodott materjali li baqa' jevolvi.

Imma dawn l-ideat huma mfasslin fuq teoriji pjuttost antikwati. Illum l-iskoperti xjentifiċi tal-għaġeb u l-avvanz teknoloġiku qed juru l-kontra. Il-*Quantum Mechanics*, u n-*Nano Technology*, (dawk l-oqsma xjentifiċi moderni li jistudjaw il-fiżika, il-kimika u l-bijoloġija f'livelli ta' strati tal-enerġija iċken mill-atomi u mill-partiċelli sub-atomiċi), infirxu mal-oqsma kollha tax-xjenza, bħalma huma: *quantum physics*, *quantum chemistry*, *quantum biology*, *quantum optics*, *quantum energy*, *quantum computing*, *superconducting magnets*, *electron microscopy*, u tant oħrajn. Ir-riċerka li qed issir f'dawn l-oqsma u f'ħafna oħrajn turi li mal-95 fil-mija tal-Univers huwa magħmul minn dak li jissejjaħ '*dark matter*'. Qabel kienu jaħsbu li dawn l-ispazji mudlama enormi ta' bejn il-galassji kienu vojta, imma llum skoprew li d-'dark matter' fih forom ta' enerġija sub-atomika li s'issa mhix verifikabbli bix-xjenza. Jidher mela li l-univers viżibbli huwa mmexxi u kkontrollat minn univers ieħor inviżibbli, magħmul minn partiċelli sub-atomiċi li mhumiex materjali u li minnhom qed jevolvi l-univers materjali b'disinn intelliġenti.

Minkejja din l-iskoperta tas-seklu wieħed u għoxrin, il-materjalisti ma jammettux, u jaraw biss sa fejn twassal ix-xjenza materjali. Għaldaqstant, għal Gould u Dawkins, l-univers ma fihx skop u mhux jevolvi b'xi qawwa intelliġenti. Ix-xjenza llum hija tal-fehma li l-univers beda bħala '*big bang*' anki kif juri l-*Hubble* Telescope li l-univers qiegħed dejjem jespandi. Ix-xjenzat modern huwa x'aktarx anjostiku, jiġifieri mhux interessat fil-fidi f'Alla sopranaturali u fl-ispirtu, imma l-iskoperti moderni minn dixxiplini xjentifiċi differenti lkoll juru li l-bidu tal-univers sar minn pjan intelliġenti li mhux materjali, dik li jsejħulha '*intelligent design*'. Ix-xjenzat modern mhux interessat li jispjega l-bidu tal-univers bħala l-ħolqien minn intelliġenza sopranaturali, imma waqt li jħalli l-fidi fil-ġenb, bl-evidenza li jsib mill-iskoperti xjentifiċi jasal biex jifhem jekk teżistix xi intelliġenza sopranaturali.

Fl-imgħoddi, xjenzati bħal Copernicus, Galileo, Bacon, Newton, Pascal, Faraday u oħrajn, ilkoll kienu jemmnu li hemm Alla suprem Bibbliku li ħalaq is-sema u l-art mix-xejn. Illum differenti. Ix-xjenzati l-ewwel jivverifikaw, imbagħad jersqu lejn l-idea li hemm xi forza kreattiva moħbija li ddisinjat il-ħolqien b'mod intelliġenti. Mhux lesti li jemmnu f'Alla Bibbliku qabel ma jaraw hemmx xi forza li dderiġiet il-liġijiet naturali biex jinħoloq l-univers u l-ħajja fih. Albert Einstein kellu din il-fehma. Darba qal, "Jekk hemm din il-forza kreattiva intelliġenti, tant hija suprema, li l-intelliġenza umana ħdejha hija biss riflessjoni insinifikanti." Einstein ma kienx ateu, imma lanqas ma kien tal-fehma li hemm xi Alla Personali li jmexxi kollox, imma kien jibqa' mmeraviljat bis-superintelliġenza li josserva fin-natura.

Fl-aħħar mill-aħħar, ħafna fenomeni fiżiċi u bijoloġiċi għandhom l-għeruq tagħhom fl-għaqda kimika ta' ħafna elementi li jaħdmu flimkien, li l-bażi tagħhom insejħulha DNA, (*Deoxyribonucleic acid*), materjal li kapaċi jirriproduċi u jimmultiplika lilu nnifsu, u li jeżisti f'kull organiżmu ħaj bħala l-kostitwent ewlieni tal-kromożomi. Id-DNA huwa dak li jġorr l-informazzjoni kollha ġenetika li fih hemm il-karatteristiċi fundamentali u distintivi tal-formazzjoni taċ-ċelluli. Id-DNA nistgħu nqisuh bħala l-'*building blocks*' tal-ħajja. U llum hemm numru dejjem jiżdied ta' xjenzati li lkoll qed isibu li d-disinn tal-univers u l-ħajja umana kif nafuha aħna, tant huma kumplessi li bilfors li huwa mmexxi minn forza intelliġenti. Imma minn min? Kull min jemmen f'Alla għandu l-fidi li Alla huwa Spirtu Omnipotenti li jista' kollox, u li ħalaq is-sema u l-art u kull ma fihom jinsab. Fuq kollox jemmen li l-ħajja tnisslet minn Alla li ħalaq il-bniedem fuq l-immaġni Tiegħu.

# Avventura Għawdxija

## kitba ta' Vincent Piccinino



Qabel morna lura d-dar mill-iskola, *Ms* Falzon qaltilna li, dik il-lejla, fis-sitta, se jkun hemm *film* fuq San Tarċisju f'*Palazzo Carafa* fi Triq l-Ifran u, min ried, seta' jmur. U jien mort. Meta spiċċa l-*film*, Dun Philip Calleja, illum Monsinjur u għadu mimli bil-għomor, tela' fuq il-palk biex javża li dawk li, l-għada s-Sibt, kienu sejrin għall-kungress, għandhom iġibu magħhom xi ħaġa x'jieklu; iġibu sold u nofs għall-*private* u jkunu ċ-Ċirkolu fis-sebgħa u nofs ta' filgħodu. U jien iffittajt 'l ommi biex tagħmilli żewġ kisriet ħobż bil-butir, ittini sold u nofs u, ferm qabel is-sebgħa u nofs, kont fis-sala tal-*billiards* ta' *Palazzo Carafa* ma' ċorma tfal storbjużi.

Mal-ħin, fil-kamra daħal Dun Philip b'biċċa karta f'idu. Qal talba żgħira u mbagħad qal li dawk li kien se jsejħilhom isimhom għandhom jinżlu fuq is-Sur tal-Baviera fejn kien hemm il-*private* qed tistennihom. Wieħed wieħed, is-sala bdiet titbattal mit-tfal sa ma Dun Philip kien għajjat lil kulħadd, minbarra lili. Baqa' jħares lejja. Ma setax jifhem. L-ismijiet tat-tfal fuq il-karta kienu kollha ttikkjati. Ried jaf min kont u jien għidtlu. Ried jaf jekk kontx aspirant imma jien ma stajtx inwieġbu għax ma kontx naf x'inhu aspirant. Ried jaf kif kont ġejt għall-kungress u jien għidtlu li kien hu stess, il-lejla ta' qabel, li qalilna biex inġibu sold u nofs għall-*private*. Dun Philip gedwed xi ħaġa fis-sens li dak l-avviż kien intenzjonat għall-aspiranti taċ-Ċirkolu imm'issa, la ġejt, tista' tibqa! U hekk, f'Settembru tal-1954, ta' disa' snin, dħalt fl-Azzjoni Kattolika tal-Belt.

Taranix issa, imma, dak iż-żmien, kont għadni tifel bil-għaqal u, għalhekk, ma domtx wisq biex niggradwa minn biċċa aspirant ta' sold u nofs għal Aspirant Minuri u, wara promozzjoni oħra, għal Aspirant Maġġur. U meta twaqqfet l-iskwadra tal-S.A.G. (*Special Assignment Group*) jew aħjar, *Section A*, għandi l-unur ngħid li jien kont mal-krema. Tassew, tassew ngħidilkom li *Section A* kienet verament speċjali. Ma konniex iktar minn ħmistax b'kollox. Kien ikollna laqgħat speċjali għalina ma' Dun Victor Grech Dimech. Sadanittant, sitta minna, inkluż jien, konna wkoll *Capi Gruppi* ta' numru ta' Aspiranti Maġġuri. Kull grupp kellu l-Qaddis Protettur tiegħu u, kull ħmistax, konna anki noħorġu l-ġurnalin. Tgħidx kemm konna akkaniti bejnietna ħalli naraw min ser jagħmel l-isbaħ u l-aħjar ġurnalin! Konna niltaqgħu, nikkonfoffaw, niktbu, inpinġu, insibu l-istampi, inqasqsu u nwaħħlu u, meta tasal id-data li fiha l-ġurnalin ikun lest, konna ntuh lis-Sur Tonna, li kien jieħu ħsieb l-aspiranti, u l-għada, konna nsibuh imdendel man-*notice board* (il-ġurnalin, mhux is-Sur Tonna!).

Imma l-aktar affarijiet speċjali għalina t-tfal ta' ħdax, tnax-il sena kienu l-ħarġiet il-Ħadd waranofsinhar fil-*Volkswagen Beetle* ħadra, 16364, li kellu Dun Victor fil-ħamsinijiet. Fiha, minbarra hu, (kont ser ngħid kien irikkeb imma l-kelma preċiża hija) kien jistiva madwar tużżana minna u daqqa joħodna l-Buskett u daqqa ċ-*Chadwick Lakes* u oħra ngħumu fil-Bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan.

Lulju tal-1956 nibqa' niftakru għax, matulu, għamilt ħafna xorti għall-ewwel darba f'ħajti. Malli spiċċat l-iskola, ħaduna erbat ijiem Għawdex u jien, ta' ħdax-il sena, kont għadni qatt ma mort Għawdex. Għalkemm kien il-bidu tas-Sajf, inzerta baħar irid jibla' l-art tant li l-vapur, il-*Queen of Peace* jew l-*Imperial Eagle*, ma niftakarx, kellu jgħaddi minn wara Kemmuna. L-ewwel maltempata!

Ħaduna f'dar maġenb il-Knisja ta' Sant Antnin l-Imġarr. Konna ninżlu bil-mixi biex immorru ngħumu fejn jitrakka l-vapur. Dak iż-żmien, il-bajja tal-Imġarr kienet għadha iktar kif ħalaqha Alla u la kien hemm ħafna bini, u la restoranti, u la inġenji, u la mollijiet u lanqas *yachts*. U hemmhekk tgħallimt ngħum għall-ewwel darba. U iva, insomma, tgħallimt inżomm fil-wiċċ u nibqa' fl-istess post; mhux xorta?

Ħaġ' oħra li wkoll kienet għall-ewwel darba hija meta rrejalizzajt li jien kummidjant *di natura*. Fil-kantuniera, faċċata tal-Knisja ta' Sant Antnin, kien hemm ħanut tal-ħaxix u Dun Philip bagħatni nixtrilu t-tadam. Tal-ħaxix qalli, "Mur għidlu li t-tadum li għandi mhux kapuċi imma, fid-dlum, jiħmur." U jien mort lura u, ta' tifel tajjeb li kont għidtlu, "Qallek it-tadum mhux kapuċi imma, fid-dlum, jiħmur!" Ma kienx messaġġ. Dun Philip ried jixkatta bid-daħq. Dun Victor mhux inqas minnu u s-Sur Tonna, li s-soltu tant jirnexxilu jżomm serju, għal mument, nesa d-dekor kollu u ngħaqad ma' sħabu s-saċerdoti; mhux fl-Ordni

Sagri imma fid-daħq profan.

Kienu d-disgħa ta' filgħodu imma kelli seba' mitt sena biex jasal ħin l-ikel għax kienu qed isajru l-*ignocchi* biz-zalza u l-irkotta. U jien qatt ma kont kilthom l-*ignocchi* għax ommi, b'familja ta' sebat itfal, sa fdewwex tar-*ration* bil-*bully beef* tal-kwart kienet tiflaħ tasal. Ħriġt ħdejn il-bieb u bdejt inħares lejn l-għelieqi maħdumin u jħaddru tal-gżira sbejħa t'Għawdex. Jien mill-Belt u, għalhekk, dak iż-żmien, kont għatxan għan-natura. Bdejt miexi 'l fuq, fit-telgħa li tagħti għar-raħal tal-Qala. Bdejt niġbed nifsijiet twal ta' arja safja; nosserva l-fjuri selvaġġi; insegwi l-friefet; nilmaħ xi xehda tan-naħal se tixpakka bil-għasel u, fuq kollox, inħares lejn is-siġar bil-frott u l-għelieqi bil-ħaxix. Hemmhekk kien hemm *tadum kapuċi*, mhux ftit!

Waqaft maġenb għalqa fejn kien hemm gabillott jaħdem fil-kwiet. Għamilt ftit tal-ħin mhux ħażin narah jaqla' l-patata minn taħt il-ħamrija biz-zappun, jitfagħhom fil-qfief u jgħabbihom fuq karrettun. Hu ħares lejja xi darbtejn imma ma kellimnix. Wara xi kwarta, waqaf jixxotta l-għaraq, resaq lejja u qalli, "Int imnejn int sabojħ?"

"Mill-Belt," weġibtu.

"Mill-Belt Victoria?" reġa' qalli.

"Mill-Belt Valletta," għidtlu jien.

"Ġejt koċċ mill-begħed!" qalli l-bidwi.

"Jien bil-vapur ġejt mhux bil-mixi, ta!" irrispondejtu. Ma kinitx intenzjonata bħala battuta imma l-bidwi tbissem.

"Allura waħdek qiegħed?" reġa' staqsieni.

"Le, ma' tal-Azzjoni," għidtlu.

"Fejn qed issorġu," ried jaf il-gabillott.

"Hemm isfel, ħdejn il-knisja," għidtlu. "U issa se jkolli nħallik għax inkella jieħdu ħsiebi."

"Stenna ftit," qalli. "Jien nieżel ix-Xatt, bil-karrettun. Issa nwasslek." Din oħra! Qatt ma kont irkibt fuq karrettun bil-ħmar qabel. F'kemm ili ngħid, il-bidwi qata' ġewlaq ħawħ u qalli, "Dawn għalojk u għal sħobak." Tellagħni fuq il-karrettun u bdejna niżlin 'l isfel bil-mod.

X'ħin qrobna lejn il-knisja, quddiem il-bieb tad-dar fejn konna qegħdin, nara lil Dun Philip, lil Dun Victor u lis-Sur Tonna. Dehru jitmasħnu u aġitati u jien mill-ewwel bdejt nassessja s-sitwazzjoni. Dun Philip kien l-iktar wieħed pragmatiku fosthom u deher li ħadha fis-sens li, ladarba n-nagħġa l-mitlufa rritornat lura fil-merħla qawwija u sħiħa, allura kollox kien sew. Pero', wiċċ Dun Victor kien qisu tad-daqqiet ta' ħarta; litteralment! Imma wiċċ is-Sur Tonna kien xi ħaġ'oħra; kieku għajnejh kienu sjuf, kienu jinfduli qalbi. Ma nistax ngħid li qalbi kienet minfuda imma, dak il-ħin, qabżet xi taħbita jew tnejn. Stennejt xenata, tumakka u penitenza. L-inqas li setgħu jagħmluli kien xi kastig u jħalluni bil-ġuħ; mingħajr *ignocchi*! Malajr irrealizzajt li, biex neħles min din it-tabxa li kont dħalt fiha, ħtieġli nuża r-riżorsi tiegħi kollha. Min jaf kieku jirnexxili nwaqqa' din is-sitwazzjoni għaċ-ċajt? Min jaf kieku jirnexxili ndaħħaqhom waħda?

"Fejn mort?" qalli Dun Victor bil-herra.

"Kemm inkwetajtna!" lissen Dun Philip.

"Għax għamiltilna hekk?" staqsa s-Sur Tonna.

"Ma tafux," temtimt, "li jiena ġejt fid-dinja biex nagħmel dawk l-affarijiet li huma ta' missieri?" Wiċċhom inbidel f'daqqa, għajnejhom xegħlu u s-Sur Tonna bilkemm ma reġax tilef id-dekor. Tajthom il-ħawħ li kien tani dak il-gabillott u m'għandix iktar kliem biex infisser kemm ġew tajbin l-*ignocchi* dakinhar!

# APPELL

**L-Editur**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista "L-Anzjani Llum" kull 3 xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani għandha ċirkolażżjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll l-anzjani individwali li huma abbonati.

Din ir-rivista hija ta' interess u informazzjoni għall-anzjani fejn ninkuraġġuhom ikunu aktar attivi, fiżikament u mentalment.

Għaldaqstant napprezzaw ħafna li tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista, biex dan l-iskop fejjiedi jkun jista' jitkompla.

Grazzi bil-quddiem



# TISLIBA Nru.100

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**
1. Direzzjoni teatrali (6)
5. Xeħta; Xejra; Tendenza (6)
10. *Malta Broadcasting Authority* (1.1.1)
12. Qanqal; Inkwieta (5)
14. Dawn huma kollha foloz (5)
15. Lanqas darba biss (4)
16. *Artificial Intelligence* (1.1)
17. Fastidjat; Imriegħex (5)
19. L-Għelm tal-Insara (5)
22. Żejjen bid-dawl (8)
24. *Aquatic Sports Association* (1.1.1)
25. Biċċiet ta' drapp bla siwi (6)
28. paċi; Skiet; Serenitá (5)
31. Kunsill Universtarju (5)
33. Xorta ta' klarinett żgħir (7)
35. Bir-raħli hekk jgħidulu wieħed makakk (5)
37. Monarka; Maesta (2)
38. Sovranitá (6)
39. Bniedem li jkollu ġilda u xagħar bojod(5)

**Weqfin:**
2. Imtella' bħala rappreżentant (5)
3. Likwidu li ġej mix-xita (4)
4. Tikxif; Reviżjoni; Inkjesta(7)
6. Spiridione mqassar (5)
7. Imġiba; Manjieri (6)
8. Anki hekk le; Anqas biss (6)
9. Żvojta; Warrab kollox (6)
11. Mingħajr (3)
13. Ħsiebhom hemm (7)
18. Spazjużi (4)
20. Frotta bnina ta' lwien isfar dehbi (7)
21. La ddumx; Ħaffef (3)
23. Għeneb żgħir u ħelu msejjaħ ukoll ta' Ġerusalem (9)
26. Te għall tliet darbiet (6)
27. Annimal b'qoxra qisha platt font maqlub (6)
29. Lavrant fix-xogħol tal-ġebel (6)
30. San Franġisk t'... (6)
32. Frott iswed (3)
34. Dan ta' Babel? (5)
36. Esponu; Ikxfu (3)

**Premju:** It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 99 intrebħet mis-Sur J. Scicluna – Cospicua **Prosit!**

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 99**

**Mimdudin:** 1 awissu , 5 destin, 10 mar, 12 aġent, 14 asamm, 15 frar, 16 sn, 17 tieqa, 19 linka, 22 antipast, 24 mus, 25 tessut, 28 paqqa, 31 telfa, 33 praspar, 35 spara, 37 ar, 38 raħħam u 39 ġlata.
**Weqfin:** 2 warda, 3 sema, 4 ukranja, 6 erett, 7 nassas, 8 denfil, 9 sammut,11 ass, 13 tressaq, 18 pass, 20 nmelles, 21 kus, 23 pappagall, 26 tanbar, 27 oppost, 29 arrest, 30 stunar, 32 ama, 34 pront u 36 ram.



# L-Anzjani fil-Bibbja



**Kitba ta' Anthony Mule' Stagno**
**President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**

**Tobit u Tobija**

Hemm ktieb sħiħ dedikat għal Tobit fil-Bibbja. Imma forsi ibnu, Tobija, hu aktar magħruf minnu għax il-biċċa l-kbira tal-ktieb tittratta dwar il-vjaġġ li għamel Tobija flimkien mal-Arkanġlu Rafel fuq l-amar ta' missieru. Imma qiegħed nanticipa wisq; ejja nibdew mill-bidu.

Sa minn ċkunitu, Tobit kien bniedem li jgħix kif irid Alla u skont il-liġi ta' Mosè. Kien jagħmel ħafna karità u kien jidfen lill-Iżraeliti mejtin li, minħabba li kienu mjassrin, meta joqtluhom, ma kinux jidfnuhom. Kienu jħalluhom fl-art sakemm l-għada kienu jiddeċiedu x'ser jagħmlu bihom. Dan kienu jagħmluh biex juru lill-ilsiera l-oħra x'kien hemm lest għalihom jekk ma jobdux lis-sultan. Tobit kien jiġbor l-iġsma bil-lejl u jidfinhom. Imma, xi ħadd irrapurtah lis-sultan u dan beda jfittxu biex joqtlu. Għaldaqstant, Tobit kellu jaħrab minn Ninwè u, warajh, ħalla lill-martu u lill-ibnu, Tobija.

Meta miet is-sultan, Tobit mar lura Ninwè u ngħaqad ma' martu u ma' ibnu u reġa' lura għall-ħajja l-antika; jidfen il-mejtin ta' niesu. Darba fost l-oħrajn, kien rieqed fil-bitħa u għasfur ħammeġ fuq għajnejh. Beda jitlef il-vista u, wara li mar għand it-tobba, tilef id-dawl għalkollox. Dam hekk is-snin u ta' min jgħid li, biex jaqilgħu x'jieklu, martu Anna kienet tagħmel xi xogħlijiet lin-nisa oħrajn. Meta xjaħ, Tobit talab lil Alla biex jieħdu u jħallieh jistrieħ u, kif kien qed jitlob hekk, ftakar li kien ħalla xi flus għand Gabajel f'Rages. Sejjaħ lill-ibnu Tobija u qallu biex isib lil xi ħadd biex jiggwidah fit-triq. Malli ħareġ ifittex, Tobija ltaqa' ma' Rafel u dan għamel tabirruħu li hu qarib tagħhom u qallu li mar kemm-il darba f'Rages u li l-post kien jafu sew. Fost il-biki u t-tgħanniq ta' Anna, Tobit bagħat lil Rafel ma' ibnu u, magħhom, ħadu anki l-kelb.

Ommu u missieru stennewh bil-ħerqa imma, meta raw li dam wisq biex jiġi lura, bdew jinkwetaw. Anna kienet toħroġ kuljum, minn filgħodu sa filgħaxija, tistennieh ġej u, meta ma jiġix, kienet tidħol ġewwa tibki. Tobit kien jipprova jfarraġha imma anki hu ma kienx konvint li binhom ma ġralu xejn għax kien ittardja wisq.



Darba fost l-oħrajn, Anna daħlet tiġri qabel il-ħin tibki bil-ferħ u tgħajjat: "Ġejjin, ġejjin, Tobija u r-raġel li mar miegħu, ġejjin!" u ħarġet biex tiltaqa' magħhom. Intefgħet tibki fuq għonq binha u ħaditu d-dar għand missieru. Meta waslu, Tobija għamel kif kien qallu Rafel u dilek għajnejn missieru bil-marrara tal-ħuta li kienu qabdu huma u sejrin u Tobit reġa' beda jara. Imbagħad, Tobija qalilhom li kien iżżewweġ u ġie qabel l-għarusa biex iħejji kollox għall-wasla tagħha. Imma ommu u missieru ma ridux jisimgħu u marru jiġru sad-daħla tal-belt biex jilqgħuha.

Tobija rrakkontalhom x'kien għadda minnu waqt il-vjaġġ tiegħu ma' Rafel. Kif kienu qabdu ħuta kbira u Rafel qallu biex iżomm il-marrara, il-qalb u l-fwied tagħha. Kif l-aħħar tnejn servewh biex jeħles lil Sara, li kellha ssir martu, mid-demonju li kien qed jippersegwitaha u kif, fil-lejl taż-żwieġ, huwa qatel lis-seba' rġiel li kienu żżewġuha. Kif missier Sara tant kien grat lejh li taħ nofs ġidu bħala dota u għamlu festa ta' erbatax-il jum.

Meta sema' kif Rafel kien il-kawża tal-ġid kollu li kien messhom, Tobit qal lill-ibnu biex, meta jħallsu, jieħu ħsieb li jtiħ xi ħaġa iżjed milli kienu wegħduh. Ta' nies onesti u ġenerużi li kienu, iddeċidew li jtuh nofs il-ġid kollu li kienu akkwistaw u sejħulu biex jgħidulu x'iddeċidew. Kien hawn li Rafel żvelalhom li hu kien arkanġlu mibgħut mill-Mulej biex jippremjahom tal-ħajja tajba tagħhom imma, meta niżlu wiċċhom fl-art quddiemu, huwa sparixxa.

Tobit miet ta' mija u tnax-il sena u, qabel miet, talab lill-ibnu biex, meta tmut ommu, jidfinha ħdejh u, wara, jitbiegħed minn Ninwè għax il-belt kienet ħżienet wisq. Tobija obda lil missieru u, meta mietet ommu, wara li difinha ħdejn missieru, mar jgħix mal-kunjati u baqa' jdur bihom sa ma mietu huma wkoll.

## Marti u Jien

***Anthony Borg***

**16/5/89 (Meta mort noqgħod Santa Margerita, il-Mosta)**

Ħalluna mgħannqin,
F'ġisem wieħed;
Ħsieb wieħed magħqudin.

F'bejta ġdida sejrin
Biex nibqgħu ma' xulxin.

Bil-ferħ tagħna,
Fl-ogħla smewwiet qegħdin.



# Un Ballo in Maschera



Fiex ġiet id-dinja, x'waħda din, dis-sena,
Minħabba dan il-*virus*, dan il-bagħal!
Kulħadd għaddej mit-triq b'nofs wiċċu mgħotti
Bil-maskra, donnu ġej il-Karnival!

Fiex kellha tiġi d-dinja fi xjuħiti!
Imbasta ma nafx kemm fanfarunati;
Għax aħna konna sew, qabel il-Covid
U issa ġejna qisna maskarati.

M'għandniex xi ngħidu, ħadd ma jrid il-*virus*
Ikollok tagħmel hekk, minkejja x-xkiel.
Kulħadd jiskarta n-nies u jżomm żewġ metri
U kulħadd wiċċu mgħotti, bħal ħalliel.

Biex tevita li tlaqqat infezzjoni,
Tilbisha, allavolja tħossok stramb.
Għalkemm il-maskra ddejqek ma' geddumek,
Kważi kulħadd jilbisha, barra Trump!

Xi nofsinhar, Profs Gauci spiss tispjega
Kemm maskri nsibu ta' kull għamla u sura.
Jekk toħroġ, agħmel mezz illi tilbisha
Imma, jekk tibqa' d-dar, tagħmel bravura.

Maskri tal-karti, tużahom darba u tarmi;
Maskri li bħalhom Malta qatt ma rat;
Maskri *home-made*, jinħaslu, taċ-ċarruta;
Maskri tal-Marigold ta' Michelle Muscat.

Maskri kemm trid; kważi titfixkel x'tagħżel;
Tassew illi m'għandniex għalxiex ingorru.
Il-mara xtrat mill-bojod u ċ-ċelesti
U jiena waħda sewda, bħal ta' Żorru!

M'hemmx x'tagħmel, kellna nieħdu prekawzjoni.
Għax, għalkemm kontra l-virus hija t-tarka,
Min hu sabiħ jiddejjaq jgħatti wiċċu
'Mma, min hu ikrah, bħali, jaraha barka!

**V. Piccinino**

